ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea

L 299

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 51

8 ta' Novembru 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI


★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 ta' l-24 ta' Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)** ..... 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1105/2008 tas-7 ta' Novembru 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ..... 9

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1106/2008 tas-7 ta' Novembru 2008 li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009 ..... 11

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/2008 tas-7 ta' Novembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fertilizzanti bl-iskop li jiġu adattati l-Annessi I u IV tiegħu għall-progress tekniku** ([1]) ..... 13

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1108/2008 tas-7 ta' Novembru 2008 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1266/2007 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' monitoraġġ u sorveljanza tal-bluetongue u l-kondizzjonijiet biex jiġi eżentat is-semen mill-projbizzjoni ta' ħruġ stipulata fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE** ([1]) ..... 17

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1109/2008 tas-6 ta' Novembru 2008 li jemenda għall-100 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban** ..... 23


([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

DIRETTIVI

★ **Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Ottubru 2008 biex jiġu approssimati l-liġijiet ta’ l-Istati Membri dwar it-trade marks (Verżjoni kodifikata)** ([1]) ........ 25

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta’ l-Istati Membri**

2008/836:

★ **Deċiżjoni tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tad-29 ta’ Ottubru 2008 dwar it-trattament ta’ dokumenti ta’ missjonijiet ċivili ta’ maniġġar ta’ kriżijiet u operazzjonijiet militari tal-UE** ........ 34

**Kummissjoni**

2008/837/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta’ Ottubru 2008 li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta’ prodotti li fihom, li jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn LLCotton25 (ACS-GHØØ1-3) modifikat ġenetikament skond ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6204)* ([1]) ........ 36

2008/838/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta’ Novembru 2008 dwar it-tilqim preventiv kontra l-influwenza avjarja b’patoġeniċità baxxa fil-papri mallard fil-Portugall u ċerti miżuri li jirrestrinġu l-movimenti ta’ dawn it-tjur u tal-prodotti tagħhom** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6348)* 40

III *Atti adottati skond it-Trattat ta’ l-UE*

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA’ L-UE

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI ta’ l-24 ta’ Ottubru 2008 dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)** ........ 43

MT

([1]) Test b’relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fuq il-qoxra ta’ wara minn ġewwa)*

**Corrigendum**

★ **Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1379/2007 tas-26 ta' Novembru 2007 li jemenda l-Annessi IA, IB, VII u VIII tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjaġġi ta' skart, sabiex jitqiesu l-progress tekniku u l-bidliet miftiehma skond il-Konvenzjoni ta' Basel (ĠU L 309, 27.11.2007)** ........ 50

**Nota lill-qarrej** (Ara paġna 3 tal-qoxra)

MT

# I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1104/2008

## ta' l-24 ta' Ottubru 2008

## dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 66 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS) stabbilita skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fuq il-fruntieri komuni tagħhom [2] (il-"Konvenzjoni ta' Schengen"), u l-iżvilupp sussegwenti tagħha, is-SIS 1+, jikkostitwixxu għodda essenzjali għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen kif dawn ġew integrati fil-qafas tal-Unjoni Ewropea.

(2) L-iżvilupp tat-tieni ġenerazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS II) ġie fdat lill-Kummissjoni skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2424/2001 [3] u d-Deċiżjoni 2001/886/ĠAI [4]. Dawk l-istrumenti jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2008. Dan ir-Regolament għandu għalhekk jissupplimentahom sa data li għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill li jaġixxi skond ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) [5].

(3) Is-SIS II ġiet stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-Tieni Ġenerazzjoni (SIS II) [6]. Dan ir-Regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dawk l-atti.

(4) Ċerti testijiet tas-SIS II huma previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 189/2008 [7] u fid-Deċiżjoni 2008/173/KE [8].

(5) L-iżvilupp tas-SIS II għandu jitkompla u għandu jiġi ffinalizzat fil-qafas tal-iskeda globali tas-SIS II approvata mill-Kunsill fis-6 ta' Ġunju 2008.

(6) Għandu jitwettaq test komprensiv tas-SIS II b'kooperazzjoni sħiħa bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament. Malajr kemm jista' jkun wara li jkun tlesta, it-test għandu jiġi vvalidat kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI.

(7) L-Istati Membri għandhom iwettqu test dwar l-iskambju ta' informazzjoni supplementari.

(8) Fir-rigward tas-SIS 1+, il-Konvenzjoni ta' Schengen tipprevedi funzjoni ta' appoġġ tekniku (C.SIS). Fir-rigward tas-SIS II, ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI jipprevedu SIS II Ċentrali magħmula minn funzjoni ta' appoġġ tekniku u minn interfaċċja nazzjonali uniformi (NI-SIS). Il-funzjoni ta' appoġġ tekniku tas-SIS II Ċentrali għandha tkun ibbażata fi Strasburgu (Franza) u l-unità ta' riżerva f'St. Johann im Pongau (l-Awstrija).

[1] Opinjoni tal-24 ta' Settembru 2008, għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
[2] ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19.
[3] ĠU L 328, 13.12.2001, p. 4.
[4] ĠU L 328, 13.12.2001, p. 1.
[5] ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4.
[6] ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63.
[7] ĠU L 57, 1.3.2008, p. 1.
[8] ĠU L 57, 1.3.2008, p. 14.

(9) Sabiex jiġu ġestiti aħjar id-diffikultajiet potenzjali li jinħolqu bil-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II għandha tiġi stabbilita u ttestjata arkitettura interim għall-migrazzjoni għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. L-arkitettura interim għall-migrazzjoni m'għandu jkollha l-ebda impatt fuq id-disponibbiltà operattiva tas-SIS 1+. Konvertitur għandu jkun ipprovdut mill-Kummissjoni.

(10) L-Istat Membru li joħroġ allert għandu jkun responsabbli sabiex jiżgura li d-*data* li tiddaħħal fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tkun preċiża, aġġornata u legali.

(11) Il-Kummissjoni għandha tibqa' responsabbli għas-SIS II Ċentrali u għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni tagħha. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-manutenzjoni u l-kontinwazzjoni tal-iżvilupp tas-SIS II u tal-infrastruttura tal-komunikazzjoni tagħha, inkluż fi kwalunkwe ħin il-korrezzjoni tal-iżbalji. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-koordinazzjoni u l-appoġġ għall-attivitajiet konġunti. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi, b'mod partikolari, l-appoġġ tekniku u operattiv meħtieġ lill-Istati Membri fil-livell tas-SIS II Ċentrali inkluż id-disponibbiltà ta' help-desk.

(12) L-Istati Membri huma u għandhom jibqgħu responsabbli għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi nazzjonali tagħhom (N.SIS II).

(13) Franza għandha tibqa' responsabbli għall-funzjoni ta' appoġġ tekniku tas-SIS 1+, kif inhu previst espressament fil-Konvenzjoni ta' Schengen.

(14) Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom fil-qafas tal-Kunsill. Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas għal dik l-azzjoni organizzattiva.

(15) Il-Kummissjoni għandu jkollha l-poter li tikkuntratta lil partijiet terzi, inklużi korpi pubbliċi nazzjonali, il-kompiti li jiġu mogħtija lilha permezz ta' dan ir-Regolament u l-kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]).

Tali kuntratti għandhom jirrispettaw ir-regoli tal-protezzjoni tad-*data* u s-sigurtà tad-*data* u jieħdu f'konsiderazzjoni r-rwol tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* rilevanti applikabbli għas-SIS, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen u ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(16) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill- istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* ([2]) japplika għall-ipproċessar tad-*data* personali mill-Kummissjoni.

(17) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, maħtur skond id-Deċiżjoni 2004/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2003 li taħtar il-korp indipendenti ta' superviżjoni previst fl-Artikolu 286 tat-Trattat KE ([3]), huwa kompetenti li jissorvelja l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali. Il-Konvenzjoni ta' Schengen fiha dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni u s-sigurtà tad-*data* personali. L-Artikolu 118 tal-Konvenzjoni ta' Schengen fih dispożizzjonijiet speċifiċi dwar is-sigurtà tad-*data* personali.

(18) Billi l-għanijiet li tiġi stabbilita l-arkitettura interim għall-migrazzjoni u l-migrazzjoni tad-*data* mis-SIS 1+ għas-SIS II, ma jkunux jistgħu jintlaħqu sew mill-Istati Membri u, għaldaqstant jistgħu, minħabba fl-iskala tad-daqs jew fl-effetti tal-azzjoni, jiġu milħuqa aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jeċċedix dak li hu neċessarju biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(19) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(20) Il-Konvenzjoni ta' Schengen għandha tiġi emendata sabiex tippermetti l-integrazzjoni tas- SIS 1+ fl-arkitettura interim għall-migrazzjoni.

(21) B'mod konformi mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness għat-Tratttat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tiħux sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u għalhekk mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Peress li dan ir-Regolament jibni fuq l-*acquis* ta' Schengen taħt id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Parti Tlieta tat-Trattat KE, id- Danimarka għandha, b'konformità mal-Artikolu 5 ta' dan il-Protokoll, tiddeċiedi f'perijodu ta' sitt xhur wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament jekk hix ser timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.

([2]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
([3]) ĠU L 12, 17.1.2004, p. 47.

(22) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen fejn ir-Renju Unit ma jiħux sehem, b’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta’ Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq biex jieħdu parti f’xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen ([1]); għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qiegħed jieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(23) Dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen li fih l-Irlanda ma tiħux sehem, b’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta’ Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f’xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen ([2]); għaldaqstant l-Irlanda mhix qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni tiegħu u mhix marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.

(24) Dan ir-Regolament huwa mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti għall-parteċipazzjoni parzjali tar-Renju Unit u tal-Irlanda fl-*acquis* ta’ Schengen kif determinat bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2000/365/KE u 2002/192/KE rispettivament.

(25) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp fid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta’ dawk iż-żewġ Stati fl-implimentazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-iżvilupp tal-*acquis* ta’ Schengen ([3]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt G tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta’ dak il-Ftehim ([4]).

(26) Fir-rigward tal-Isvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-implimetazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-iżvilupp tal-*acquis* ta’ Schengen ([5]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt G tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE ([6]) dwar il-konklużjoni tal-Ftehim f’isem il-Komunità Ewropea.

(27) Fir-rigward ta’ Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta’ Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat ta’ Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat ta’ Liechtenstein għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-implimentazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-iżvilupp tal-*acquis* ta’ Schengen li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt G tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta’ Mejju 1999 li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/261/KE tat-28 ta’ Frar 2008 dwar l-iffirmar, f’isem il-Komumità Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja ta’ ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat ta’ Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat ta’ Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-*acquis* ta’ Schengen ([7]),

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Għan ġenerali**

1. Is-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen (SIS) stabbilita skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Konvenzjoni ta’ Schengen 1990 (SIS 1+), għandha tiġi sostitwita b’sistema ġdida, is-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen II (SIS II), li l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tagħha huma rregolati bir-Regolament (KE) Nru 1987/2006.

2. Skond il-proċeduri u t-tqassim tal-kompiti stabbiliti f’dan ir-Regolament is-SIS II għandha tiġi żviluppata mill-Kummissjoni u l-Istati Membri bħala sistema integrata unika u għandha titħejja għat-tħaddim.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) “SIS II Ċentrali” tfisser il-funzjoni ta’ appoġġ tekniku tas-SIS II li fiha bażi tad-*data*, il-“bażi tad-*data* tas-SIS II”, u interfaċċja nazzjonali uniformi (NI-SIS).

(b) “C.SIS” tfisser il-funzjoni ta’ appoġġ tekniku tas-SIS 1+, li fiha l-bażi tad-*data* ta’ referenza għas-SIS 1+ u l-interfaċċja nazzjonali uniformi (N.COM).

([1]) ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.
([2]) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.
([3]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
([4]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
([5]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
([6]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1.
([7]) ĠU L 83, 26.3.2008, p. 3.

(c) "N.SIS" tfisser is-sistema nazzjonali tas-SIS 1+, li tikkonsisti fis-sistemi ta' *data* nazzjonali li jikkomunikaw mas-C.SIS.

(d) "N.SIS II" tfisser is-sistema nazzjonali tas-SIS II, li tikkonsisti fis-sistemi ta' *data* nazzjonali li jikkomunikaw mas-SIS II Ċentrali.

(e) "konvertitur" tfisser għodda teknika li tippermetti komunikazzjoni konsistenti u affidabbli bejn is-C.SIS u s-SIS II Ċentrali, li tiżgura l-funzjonalitajiet previsti fl-Artikolu 10(3).

(f) "test komprensiv" tfisser it-test imsemmi fl-Artikolu 55(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006.

(g) "test dwar informazzjoni supplimentari" tfisser testijiet funzjonali bejn l-Uffiċċji SIRENE.

*Artikolu 3*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jiddefinixxi l-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni, ta' Franza u tal-Istati Membri l-oħrajn li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ fir-rigward tal-kompiti li ġejjin:

(a) il-manutenzjoni u l-kontinwazzjoni tal-iżvilupp tas-SIS II;

(b) test komprensiv tas-SIS II;

(c) test dwar informazzjoni supplimentari;

(d) il-kontinwazzjoni tal-iżvilupp u l-ittestjar ta' konvertitur;

(e) l-istabbiliment u l-ittestjar ta' arkitettura ta' migrazzjoni proviżorja;

(f) il-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II.

*Artikolu 4*

**Komponenti tekniċi tal-arkitettura għall-migrazzjoni**

Sabiex tiġi żgurata l-migrazzjoni mis-SIS1+ għas-SIS II, huma meħtieġa l-komponenti li ġejjin:

(a) is-C.SIS u l-konnessjoni mal-konvertitur;

(b) l-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS 1+ li tippermetti lis-C.SIS tikkomunika mal-N.SIS;

(c) l-N.SIS II;

(d) is-SIS II Ċentrali, l-NI-SIS u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS II li tippermetti lis-SIS II Ċentrali tikkomunika mal-N.SIS II u l-konvertitur;

(e) l-N.SIS II;

(f) il-konvertitur.

*Artikolu 5*

**Responsabbiltajiet prinċipali fl-iżvilupp tas-SIS II**

1. Il-Kummissjoni għandha tkompli tiżviluppa s-SIS II Ċentrali, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u l-konvertitur.

2. Franza għandha tagħmel disponibbli u topera s-C.SIS f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

3. L-Istati Membri għandhom ikomplu jiżviluppaw l-N-SIS II.

4. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom iżommu l-N.SIS f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

5. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom jagħmlu disponibbli u joperaw l-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS 1+.

6. Il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-attivitajiet u tipprovdi l-appoġġ meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-kompiti u r-responsabbiltajiet imsemmijin fil-paragrafi 1 sa 3.

*Artikolu 6*

**Kontinwazzjoni tal-iżvilupp**

Il-miżuri meħtieġa biex jitkompla l-iżvilupp tas-SIS II kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), b'mod partikolari l-miżuri meħtieġa għall-korrezzjoni tal-iżbalji, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura definita fl-Artikolu 17(2).

Il-miżuri meħtieġa biex jitkompla l-iżvilupp tas-SIS II kif imsemmi fl-Artikolu 5(3), safejn jikkonċerna l-interfaċċja nazzjonali uniformi filwaqt li tkun żgurata l-kompatibbiltà tal-N.SIS II mas-SIS II Ċentrali, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura definita fl-Artikolu 17(2).

*Artikolu 7*

**Attivitajiet prinċipali**

1. Il-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom iwettqu test komprensiv.

2. Għandha tiġi stabbilita arkitettura interim għall-migrazzjoni tas-SIS u għandu jitwettaq test ta' dik l-arkitettura mill-Kummissjoni flimkien ma' Franza u l-Istati Membri l-oħrajn li jipparteċipaw fis-SIS 1+.

3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom iwettqu l-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II.

4. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom iwettqu test dwar l-iskambju tal-informazzjoni supplementari.

5. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-appoġġ meħtieġ fil-livell tas-SIS II Ċentrali għall-attivitajiet fil-paragrafi 1 sa 4.

6. L-attivitajiet fil-paragrafi 1 sa 3 għandhom jiġu kkoordinati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill.

*Artikolu 8*

**Test komprensiv**

1. It-test komprensiv m'għandux jibda qabel ma l-Kummissjoni tkun iddikjarat li hija tqis il-livell ta' suċċess tat-testijiet imsemmijin fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 189/2008 bħala suffiċjenti biex jinbeda tali test.

2. Għandu jitwettaq test komprensiv bl-għan li jiġu kkonfermati, b'mod partikolari, l-ikkompletar mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri li qed jipparteipaw fis-SIS 1+ tal-arranġamenti tekniċi meħtieġa sabiex tkun ipproċessata d-*data* tas-SIS II u t-turija li l-livell ta' prestazzjoni tas-SIS II huwa mill-anqas l-istess bħal dak miksub mis-SIS 1+.

3. It-test komprensiv għandu jitwettaq mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għall- N.SIS II u mill-Kummissjoni għas-SIS II Ċentrali.

4. It-test komprensiv għandu jsegwi skeda dettaljata definita mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

5. It-test komprensiv għandu jkun ibbażat fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi definiti mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

6. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill għandhom jiddefinixxu l-kriterji biex jiġi determinat jekk l-arranġamenti tekniċi meħtieġa għall-ipproċessar tad-*data* tas-SIS II humiex kompluti u jekk il-livell ta' prestazzjoni tas-SIS II huwiex mill-anqas ekwivalenti għal dak miksub mis-SIS1+.

7. Ir-riżultati tat-test għandhom jiġu analizzati permezz tal-kriterji msemmijin fil-paragrafu 6, mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill u l-Kummissjoni. Ir-riżultati tat-test għandhom jiġu vvalidati skond l-Artikolu 55(3)(c) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006.

8. L-Istati Membri li mhux qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ jistgħu jipparteċipaw fit-test komprensiv. Ir-riżultati tagħhom m'għandhomx jaffettwaw il-validazzjoni ġenerali tat-test.

*Artikolu 9*

**Test dwar informazzjoni supplimentari**

1. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom iwettqu testijiet funzjonali tas-SIRENE.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli s-SIS II Ċentrali u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tagħha matul it-twettiq tat-test dwar l-informazzjoni supplimentari.

3. It-test dwar l-informazzjoni supplimentari għandu jsegwi skeda dettaljata definita mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill.

4. It-test dwar l-informazzjoni supplimentari għandu jkun ibbażat fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi definiti mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill.

5. Ir-riżultati tat-test għandhom jiġu analizzati mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill.

6. L-Istati Membri li mhux qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ jistgħu jipparteċipaw fit-test dwar l-informazzjoni supplimentari. Ir-riżultati tagħhom m'għandhomx jaffettwaw il-validazzjoni ġenerali tat-test.

*Artikolu 10*

**Arkitettura interim għall-migrazzjoni**

1. Għandha tiġi stabbilita arkitettura interim għall-migrazzjoni tas-SIS. Il-konvertitur jgħaqqad is-SIS II Ċentrali u s-C.SIS għal perijodu transitorju. L-N.SIS huma magħqudin mas-C.SIS, l-N.SIS II mas-SIS II Ċentrali.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi konvertitur, is-SIS II Ċentrali u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tagħha bħala parti mill-arkitettura interim għall-migrazzjoni tas-SIS.

3. Il-konvertitur għandu jaqleb id-*data* f'żewġ direzzjonijiet bejn is-C.SIS u s-SIS II Ċentrali u jżomm is-C.SIS u s-SIS II Ċentrali sinkronizzati.

4. Il-Kummissjoni għandha tittestja l-komunikazzjoni bejn is-SIS II Ċentrali u l-konvertitur.

5. Franza għandha tittestja l-komunikazzjoni bejn is-C.SIS u l-konvertitur.

6. Il-Kummissjoni u Franza għandhom jittestjaw il-komunikazzjoni bejn is-SIS II Ċentrali u s-C.SIS permezz tal-konvertitur.

7. Franza, flimkien mal-Kummissjoni, għandha tqabbad is-C.SIS permezz tal-konvertitur mas-SIS II Ċentrali.

8. Il-Kummissjoni, flimkien ma' Franza u l-Istati Membri l-oħrajn li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+, għandhom jittestjaw l-arkitettura interim għall-migrazzjoni tas-SIS sħiħa skond pjan ta' ttestjar ipprovdut mill-Kummissjoni.

9. Jekk ikun meħtieġ, Franza għandha tagħmel *data* disponibbli għall-finijiet tal-ittestjar.

*Artikolu 11*

**Migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II**

1. Għall-migrazzjoni mis-C.SIS għas-SIS II Ċentrali, Franza għandha tagħmel disponibbli l-bażi tad-*data* tas-SIS 1+ u l-Kummissjoni għandha tintroduċi l-bażi tad-*data* tas-SIS 1+ fis-SIS II Ċentrali.

2. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom jimigraw mill-N.SIS għall-N.SIS II billi jużaw l-arkitettura interim għall-migrazzjoni, bl-appoġġ ta' Franza u tal-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2009. Jekk ikun meħtieġ, din id-*data* tista' tinbidel skond il-proċedura definita fl-Artikolu 17(2).

3. Il-migrazzjoni tas-sistema nazzjonali mis-SIS 1+ għas-SIS II tikkonsisti fl-illowdjar tad-*data* tal-N.SIS II, meta dik l-N.SIS II għandu jkollha fajl tad-*data*, il-kopja nazzjonali, li tinkludi kopja kompluta jew parzjali tal-bażi tad-*data* tas-SIS II, segwita minn konverżjoni mill-N.SIS għall-N.SIS II għal kull Stat Membru. Il-migrazzjoni għandha ssegwi skeda dettaljata pprovduta mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill.

4. Il-Kummissjoni għandha tassisti fil-koordinazzjoni u l-appoġġ tal-attivitajiet komuni matul il-migrazzjoni.

5. Il-konverżjoni prevista fil-proċess għall-migrazzjoni għandha titwettaq wara l-validazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(7).

*Artikolu 12*

**Qafas legali sostantiv**

Matul il-migrazzjoni, id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Konvenzjoni ta' Schengen għandhom jibqgħu japplikaw għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

*Artikolu 13*

**Kooperazzjoni**

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw għat-twettiq tal-attivitajiet kollha koperti b'dan ir-Regolament skond ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tipprovdi l-appoġġ meħtieġ fil-livell tas-SIS II Ċentrali għall-ittestjar u l-migrazzjoni tal-N.SIS II.

3. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jipprovdu l-appoġġ meħtieġ fil-livell tal-N.SIS II għall-ittestjar tal-infrastruttura interim għall-migrazzjoni.

*Artikolu 14*

**Żamma ta' reġistri fis-SIS II Ċentrali**

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Titolu IV tal-Konvenzjoni ta' Schengen, il-Kummissjoni għandha tiżgura li kull aċċess għal, u kull skambju ta' *data* personali fi ħdan is-SIS II Ċentrali jiġu rreġistrati għall-finijiet ta' verifika dwar jekk it-tfittxija tkunx skond il-liġi jew le, ta' monitoraġġ tal-legalità tal-ipproċessar tad-*data* u sabiex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-SIS II Ċentrali u tas-sistemi nazzjonali, l-integrità u s-sigurtà tad-*data*.

2. Ir-reġistri għandhom juru, b'mod partikolari, id-*data* u l-ħin tad-*data* trasmessa, id-*data* użata biex isiru tfittxijiet, ir-referenza għad-*data* trasmessa u l-isem tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-ipproċessar tad-*data*.

3. Ir-reġistri jistgħu jintużaw biss għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u għandhom jitħassru mhux qabel sena u mhux iktar tard minn tliet snin wara li jkunu nħolqu.

4. Ir-reġistri jistgħu jinżammu għal perijodu itwal jekk ikunu meħtieġa għall-proċeduri ta' monitoraġġ li jkunu diġà bdew.

5. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-kontroll dwar jekk it-tfittxija tkunx skond il-liġi jew le, mill-monitoraġġ tal-legalità tal-ipproċessar ta' *data*, mill-awto-monitoraġġ u biex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tas-SIS II Ċentrali, l-integrità u s-sigurtà tad-*data*, għandu jkollhom aċċess, sal-limiti tal-kompetenzi tagħhom u fuq talba tagħhom, għal dawk ir-reġistri bil-għan li jaqdu l-kompiti tagħhom.

*Artikolu 15*

**Spejjeż**

1. L-ispejjeż li jirriżultaw mill-migrazzjoni, it-test komprensiv, it-test dwar l-informazzjoni supplimentari, il-manutenzjoni u l-miżuri ta' żvilupp fil-livell ta' SIS II Ċentrali jew li jikkonċernaw l-infrastruttura tal-komunuikazzjoni għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

2. L-ispejjeż li jirriżultaw mill-migrazzjoni, l-ittestjar, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistemi nazzjonali għandhom jitħallsu minn kull Stat Membru kkonċernat.

3. L-ispejjeż li jirriżultaw mill-attivitajiet fil-livell ta' SIS 1+, inkluż l-attivitajiet supplementari ta' Franza, li taġixxi f'isem l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+, għandhom jitħallsu skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 119 tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

*Artikolu 16*

**Emenda tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen**

Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen huma b'dan emendati kif ġej:

(1) 1. L-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

"*Artikolu 92 A*

1. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 (*) u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI (**) u abbażi tad-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, l-arkitettura teknika tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tista' tiġi supplimentata bi:

(a) sistema ċentrali addizzjonali magħmula minn:

— funzjoni ta' appoġġ tekniku (SIS II Ċentrali), li tinsab fi Franza u unità ta' riżerva tas-SIS II Ċentrali li tinsab fl-Awstrija, li fihom bażi tad-*data* tas-SIS II u interfaċċja nazzjonali uniformi (NI-SIS);

— konnessjoni teknika bejn is-C.SIS u s-SIS II Ċentrali permezz tal-konvertitur li tippermetti l-konverżjoni u s-sinkronizzazzjoni tad-*data* bejn is-C.SIS u s-SIS II Ċentrali;

(b) sistema nazzjonali (N.SIS II), li tikkonsisti fis-sistemi ta' *data* nazzjonali, li tikkomunika mas-SIS II Ċentrali;

(c) infrastruttura għall-komunikazzjoni bejn is-SIS II Ċentrali u l-N.SIS II konnessa mal-NI-SIS.

2. L-N.SIS II tista' tissostitwixxi t-taqsima nazzjonali msemmija fl-Artikolu 92 ta' din il-Konvenzjoni, u f'dak il-każ l-Istati Membri m'għandhomx għalfejn iżommu fajl bid-*data* nazzjonali.

3. Il-bażi tad-*data* tas-SIS II Ċentrali għandha tkun disponibbli għall-fini li jitwettqu tfittxijiet awtomatizzati fit-territorju ta' kull Stat Membru.

4. F'każ li xi Stat Membru jissostitwixxi t-taqsima nazzjonali tiegħu bl-N.SIS II, il-funzjonijiet obbligatorji tal-funzjoni ta' appoġġ tekniku fir-rigward ta' dik it-taqsima nazzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 92(2) u (3) isiru funzjonijiet obbligatorji fir-rigward tas-SIS II Ċentrali, mingħajr preġudizzju għall-obbligi msemmija fid-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI u fl-Artikoli 5(1), 10(1), (2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 1104/2008.

5. Is-SIS II Ċentrali għandha tipprovdi s-servizzi meħtieġa għad-dħul u l-ipproċessar tad-*data* tas-SIS, l-aġġornament on-line tal-kopji nazzjonali tal-N-SIS II, is-sinkronizzazzjoni ta' u l-konsistenza bejn il-kopji nazzjonali tal-N.SIS II u l-bażi tad-*data* tas-SIS II Ċentrali u tipprovdi l-operazzjonijiet għall-inizjalizzazzjoni u r-restawr tal-kopji nazzjonali tal-N.SIS II.

6. Franza, li hija responsabbli għall-funzjoni ta' appoġġ tekniku, l-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw biex jiżguraw li tfittxija fil-fajls tad-*data* tal-N.SIS II jew fil-bażi tad-*data* tas-SIS II tipproduċi riżultat ekwivalenti għal dak ta' tfittxija fil-fajl tad-*data* tat-taqsimiet nazzjonali msemmija fl-Artikolu 92(2).

---

(*) ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1.
(**) ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43."

(2) Fl-Artikolu 119 l-ewwel paragrafu, l-ewwel sentenza, għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"L-ispejjeż tal-installazzjoni u t-tħaddim tal-funzjoni ta' appoġġ tekniku msemmija fl-Artikolu 92(3), inklużi l-ispejjeż tal-linji li jikkollegaw it-taqsimiet nazzjonali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen mal-funzjoni ta' appoġġ tekniku, u tal-attivitajiet imwettqa flimkien mal-kompiti mogħtija lil Franza fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI u tar-Regolament (KE) Nru 1104/2008 għandhom jitħallsu b'mod konġunt mill-Istati Membri."

(3) Fl-Artikolu 119, it-tieni paragrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-ispejjeż tal-installazzjoni u t-tħaddim tat-taqsima nazzjonali tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u tal-kompiti mogħtija lis-sistemi nazzjonali skond id-Deċiżjoni 2008/839/ĠAI u r-Regolament (KE) Nru 1104/2008 għandhom jitħallsu minn kull Stat Membru individwalment."

*Artikolu 17*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 51 tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE, b'konsiderazzjoni għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-perijodu previst fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

*Artikolu 18*

**Rappurtar**

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta sal-aħħar ta' kull perijodu ta' sitt xhur, u għall-ewwel darba sal-aħħar tal-ewwel perijodu ta' sitt xhur tal-2009, rapport ta' progress lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iżvilupp tas-SIS II u l-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II.

*Artikolu 19*

**Dħul fis-seħħ u applikabbiltà**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Huwa għandu jiskadi f'*data* li trid tiġi stabbilita mill-Kunsill, li jaġixxi skond l-Artikolu 55(2) tar-Regolament (KE) Nru 1987/2006, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skond it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fil-Lussemburgu, 24 ta' Ottubru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ALLIOT-MARIE

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1105/2008

## tas-7 ta’ Novembru 2008

## li jistabbilixxi l-valuri fissi ta’ l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta’ dħul ta’ ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta’ Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta’ swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta’ Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex ([2]), u b’mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu ta’ l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta’ l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta’ l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-8 ta’ Novembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta’ Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 48,3 |
| | MK | 46,2 |
| | TR | 68,6 |
| | ZZ | 54,4 |
| 0707 00 05 | JO | 175,3 |
| | MA | 30,8 |
| | TR | 90,7 |
| | ZZ | 98,9 |
| 0709 90 70 | MA | 63,1 |
| | TR | 129,7 |
| | ZZ | 96,4 |
| 0805 20 10 | MA | 80,7 |
| | ZZ | 80,7 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | HR | 24,7 |
| | MA | 85,5 |
| | TR | 79,5 |
| | ZZ | 63,2 |
| 0805 50 10 | AR | 82,1 |
| | MA | 103,9 |
| | TR | 91,1 |
| | ZA | 97,2 |
| | ZZ | 93,6 |
| 0806 10 10 | BR | 232,5 |
| | TR | 133,5 |
| | US | 246,0 |
| | ZA | 197,4 |
| | ZZ | 202,4 |
| 0808 10 80 | AL | 32,1 |
| | AR | 75,0 |
| | CA | 96,3 |
| | CL | 64,2 |
| | MK | 37,6 |
| | NZ | 104,3 |
| | US | 162,4 |
| | ZA | 87,6 |
| | ZZ | 82,4 |
| 0808 20 50 | CN | 44,4 |
| | TR | 124,9 |
| | ZZ | 84,7 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1106/2008

## tas-7 ta' Novembru 2008

## li jemenda l-prezzijiet rappreżentattivi u l-ammonti tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti tas-settur taz-zokkor, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 951/2006 tat-30 ta' Ġunju 2006 dwar regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-iskambji mal-pajjiżi terzi fis-settur taz-zokkor ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2), it-tieni subparagrafu, it-tieni sentenza tiegħu,

Billi:

(1) L-ammonti tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u ta' ċerti ġuleppijiet għas-sena tas-suq 2008/2009 ġew stabbiliti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 945/2008 ([3]). Dawn ilprezzijiet u dazji ġew emendati l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1084/2008 ([4]).

(2) L-informazzjoni li l-Kummissjoni għandha f'idejha llum twassal biex dawn l-ammonti jiġu mmodifikati, skond ir-regoli ddettaljati pprovduti fir-Regolament (KE) Nru 951/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prezzijiet rappreżentattivi u d-dazji addizzjonali applikabbli għall-importazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 36 tar-Regolament (KE) Nru 951/2006, stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 945/2008 għas-sena tas-suq 2008/2009, huma b'dan immodifikati skond l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-8 ta' Novembru 2008.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Jean-Luc DEMARTY
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 178, 1.7.2006, p. 24.
([3]) ĠU L 258, 26.9.2008, p. 56.
([4]) ĠU L 297, 6.11.2008, p. 3.

*ANNESS*

**L-ammonti mmodifikati tal-prezzijiet rappreżentattivi u tad-dazji addizzjonali għall-importazzjoni taz-zokkor abjad, taz-zokkor mhux ipproċessat u tal-prodotti bil-kodiċi NM 1702 90 95, applikabbli mit-8 ta' Novembru 2008**

*(EUR)*

| Kodiċi NM | Ammont tal-prezz rappreżentattiv għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat | Ammont tad-dazju addizzjonali għal kull 100 kg nett tal-prodott ikkonċernat |
|---|---|---|
| 1701 11 10 (1) | 24,58 | 4,01 |
| 1701 11 90 (1) | 24,58 | 9,24 |
| 1701 12 10 (1) | 24,58 | 3,82 |
| 1701 12 90 (1) | 24,58 | 8,81 |
| 1701 91 00 (2) | 25,74 | 12,39 |
| 1701 99 10 (2) | 25,74 | 7,84 |
| 1701 99 90 (2) | 25,74 | 7,84 |
| 1702 90 95 (3) | 0,26 | 0,39 |

(1) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt III, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(2) Stabbilit għall-kwalità standard kif iddefinita fl-Anness IV, il-punt II, tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007.
(3) Stabbilit bħala 1 % tal-kontenut f'sukrożju.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1107/2008

## tas-7 ta' Novembru 2008

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-fertilizzanti bl-iskop li jiġu adattati l-Annessi I u IV tiegħu għall-progress tekniku

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li għandu x'jaqsam mal-fertilizzanti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 31 tiegħu, il-paragrafi (1) u (3),

Billi:

(1) L-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 jistipula li fertilizzant li jappartjeni għal tip ta' fertilizzant elenkat fl-Anness I mehmuż miegħu u li jikkonforma mal-kundizzjonijiet stipulati f'dak ir-Regolament jista' jissejjaħ "fertilizzant KE".

(2) Is-sulfat ta' l-ammonju u n-nitrat tal-kalċju (nitrat tal-ġir) it-tnejn huma mniżżlin bħala tipi ta' fertilizzant fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003. Iżda, taħlitiet ta' dawn iż-żewġ tipi ta' fertilizzant ma jistgħux jissemmew bħala "fertilizzant KE". Billi taħlitiet tas-sulfat ta' l-ammonju u n-nitrat tal-kalċju (nitrat tal-ġir) intużaw b'suċċess f'żewġ Stati Membri, taħlitiet ta' dan it-tip għandhom jiġu magħrufa bħala "fertilizzanti KE" biex jistgħu jkunu aktar faċilment disponibbli għall-bdiewa mal-Komunità kollha.

(3) Ħafna mit-tipi ta' fertilizzanti ta' nutrizzjoni primarja li fihom in-nitroġenu li huma elenkati fl-Anness I għandhom tendenza li jerħu n-nitroġenu tagħhom malajr wisq għall-uċuħ tar-raba' biex jibbenefikaw b'mod sħiħ minnhom, u minħabba dan in-nitroġenu żejjed jista' potenzjalment jikkawża ħsara lill-ambjent.

(4) Fir-rigward ta' żewġ tipi ta' fertilizzant KE mniżżla fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003, iż-żieda tad-diċjandijamide, waħda minn għadd ta' sustanzi magħrufa bħala inibituri tan-nitrifikazzjoni, tista' tipprevjeni kull ħsara potenzjali ta' dan it-tip lill-ambjent. Tipi oħra ta' fertilizzanti KE jista' jkun fihom in-nitroġenu taħt forma differenti u l-inibituri ta' nitrifikazzjoni mhumiex effettivi għalihom. Għal dawn it-tipi, l-inibituri ta' l-ureżi jistgħu joffru soluzzjoni sodisfaċenti.

(5) Sabiex ikun hemm aktar aċċess għall-benefiċċji agronomiċi u ambjentali ta' l-inibituri ta' nitrifikazzjoni jew ta' l-ureżi, l-użu ta' l-inibituri ta' nitrifikazzjoni jew ta' l-ureżi għandu jitħalla għall-biċċa l-kbira tal-fertilizzanti tan-nitroġenu, u għandhom jitħallew aktar tipi ta' inibituri.

(6) Għaldaqstant għandha tiġi inkluża lista tal-inibituri ta' nitrifikazzjoni u ta' ureżi awtorizzati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003.

(7) L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 jipprovdi deskrizzjonijiet dettaljati tal-metodi ta' analiżi li għandhom jintużaw biex jitkejjel il-kontenut nutrittiv tal-fertilizzanti KE. Dawn id-deskrizzjonijiet, sa fejn jikkonċernaw il-konċentrazzjoni ta' jodju, jeħtieġ li jiġu aġġustati sabiex ikun hemm valuri ta' analiżi korretti.

(8) Ir-Reġolament (KE) Nru 2003/2003 għandu għalhekk ikun emendat skond dan.

(9) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 huwa emendat skond l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 huwa emendat skond l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

[1] ĠU L 304, 21.11.2003, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta’ Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Günter VERHEUGEN
*Viċi President*

*ANNESS I*

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella A.1, l-annotazzjoni għat-tip 4 ta' fertilizzant "sulfat tal-ammonja" tinbidel b'dan li ġej:

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| "4 | Sulfat tal-ammonja | Prodott miksub b'mod kimiku li fih is-sulfat tal-ammonja bħala l-ingredjent essenzjali tiegħu possibbilment sa 15 % ta' nitrat ta' kalċju (nitrat tal-ġir). | 19,7 % N<br>Nitroġenu espress bħala nitroġenu totali.<br>Kontenut massimu ta' nitrat tan-nitroġenu 2,2 % jekk jiġi miżjud in-nitrat tal-kalċju (nitrat tal-ġir). | Meta jitqiegħed fis-suq taħt forma ta' taħlita ta' sulfat tal-ammonju u nitrat tal-kalċju (nitrat tal-ġir), it-tismija trid tinkludi 'sa 15 % tan-nitrat tal-kalċju (nitrat tal-ġir)'. | Nitroġenu ammonijakali.<br>Nitroġenu totali jekk jiġi miżjud in-nitrat tal-kalċju (nitrat tal-ġir)" |

(2) Fit-Tabella A.1, in-notazzjonijiet għat-tipi ta' fertilizzant 16, 17 u n-nota (a) f'qiegħ il-paġna jitħassru. It-tip 18 isir tip 16:

(3) tiżdied it-taqsima F li ġejja:

**"F. Inibituri ta' nitrifikazzjoni u tal-ureżi**

L-inibituri tal-ureżi u ta' nitrifikazzjoni elenkati fit-tabelli F.1. u F.2. hawn taħt jistgħu jiżdiedu mat-tipi ta' fertilizzanti nitroġeniċi elenkati fit-taqsimiet A.1., B.1., B.2., B.3., C.1. u C.2. tal-Anness I, soġġetti għad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

(1) tal-inqas 50 % tal-kontenut totali ta' nitroġenu tal-fertilizzant jikkonsisti fil-forom ta' nitroġenu speċifikati fil-kolonna 3;

(2) mhumiex wieħed mit-tipi ta' fertilizzant imsemmija fil-kolonna 4.

Il-fertilizzanti li ġew miżjuda b'inibitur ta' nitrifikazzjoni elenkat fit-tabella F.1. se jkollhom dawn il-kliem miżjuda mal-indikazzjoni tat-tip tagħhom 'bl-inibitur ta' nitrifikazzjoni ([l-indikazzjoni tat-tip ta' inibitur ta' nitrifikazzjoni])'

Il-fertilizzanti li ġew miżjuda b'inibitur tal-ureżi elenkat fit-tabella F.2. se jkollhom dawn il-kliem miżjuda mal-indikazzjoni tat-tip tagħhom 'bl-inibitur tal-ureżi ([l-indikazzjoni tat-tip ta' inibitur ta' nitrifikazzjoni])'

Trid tiġi pprovduta informazzjoni teknika, kemm jista' jkun kompluta, ma' kull kunsinna ta' pakketti jew kunsinna bil-massa mill-persuna responsabbli għat-tqegħid fis-suq. Din l-informazzjoni trid tippermetti lill-utent b'mod partikolari jiddetermina r-rati u ż-żmien xieraq ta' applikazzjoni fir-rigward tat-tkabbir tal-uċuħ.

Jistgħu jiġu inklużi inibituri ġodda ta' nitrifikazzjoni jew inibituri tal-urea fit-Tabelli F1 jew F2 rispettivament wara evalwazzjoni tad-dokumenti tekniċi mibgħuta skond il-linjigwida li jridu jiġu elaborati għal dawn is-sustanzi komposti.

*F.1. Inibituri ta' nitrifikazzjoni*

| Nru | Indikazzjoni tat-tip u kompożizzjoni tal-inibitur ta' nitrifikazzjoni | Kontenut minimu u massimu ta' inibitur bħala perċentwali bil-massa tan-nitoġenu totali preżenti bħala nitroġenu tal-ammonju u nitroġenu tal-urea | Tipi ta' fertilizzant KE li magħhom ma jistax jintuża l-inibitur | Deskrizzjoni tal-inibituri ta' nitrifikazzjoni li magħhom jistgħu jsiru taħlitiet<br>*Data* dwar il-proporzjon permess |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| 1 | Diċiandijamide<br>ELINCS Nru 207-312-8 | Minimu 2,25<br>Massimu 4,5 | | |

*F.2. Inibituri ta' l-ureżi*

| Nru | Indikazzjoni tat-tip u kompożizzjoni tal-inibitur tal-ureżi | Kontenut minimu u massimu ta' inibitur bħala perċentwali bil-massa tan-nitoġenu totali preżenti bħala nitroġenu tal-urea | Tipi ta' fertilizzant KE li magħhom ma jistax jintuża l-inibitur | Deskrizzjoni tal-inibituri tal-ureżi li magħhom jistgħu jsiru taħlitiet<br>*Data* dwar il-proporzjon permess |
|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 |
| 1 | N-(n-butyl) thiophosphoric triamide (NBPT)<br>ELINCS Nru 435-740-7 | Minimu 0,09<br>Massimu 0,20" | | |

*ANNESS II*

It-taqsima B tal-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 hija emendata kif ġej:

(1) fin-nota fil-punt 4.11. tal-Metodu 2.3.2, it-tieni, it-tielet u r-raba’ sottoparagrafu jinbidlu b’dan li ġej:

“Iddoża titrazzjoni bi 0,05 mol/l taħlita ta’ jodju ($I_2$) fil-preżenza ta’ taħlita tal-lamtu bħala indikatur.

Soluzzjoni ta’ 1 ml ta’ jodju ($I_2$) 0,05 mol/l tikkorrispondi għal 0,01128 g ta’ $SnCl_2{\cdot}2H_2O$.

Mill-anqas 80 % tat-total ta’ landa preżenti fit-taħlita hekk ippreparata għandha tkun f’forma bivalenti. Għat-titrazzjoni għandha tintuża mill-anqas 35 ml tat-taħlita 0,05 mol/l ta’ jodju ($I_2$).”

(2) fin-nota fil-punt 4.11. tal-Metodu 2.6.1, it-tieni, it-tielet u r-raba’ sottoparagrafu jinbidlu b’dan li ġej:

“Iddoża titrazzjoni bi 0,05 mol/l taħlita ta’ jodju ($I_2$) fil-preżenza ta’ taħlita tal-lamtu bħala indikatur.

Soluzzjoni ta’ 1 ml ta’ jodju ($I_2$) 0,05 mol/l tikkorrispondi għal 0,01128 g ta’ $SnCl_2{\cdot}2H_2O$.

Mill-anqas 80 % tat-total ta’ landa preżenti fit-taħlita hekk ippreparata għandha tkun f’forma bivalenti. Għat-titrazzjoni għandha tintuża mill-anqas 35 ml tat-taħlita 0,05 mol/l ta’ jodju ($I_2$).”

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1108/2008

## tas-7 ta' Novembru 2008

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1266/2007 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' monitoraġġ u sorveljanza tal-bluetongue u l-kondizzjonijiet biex jiġi eżentat is-semen mill-projbizzjoni ta' ħruġ stipulata fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE tal-20 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet speċifiċi għall-kontroll u l-eradikazzjoni tal-bluetongue ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 11 u 12 u t-tielet paragrafu tal-Artikolu 19 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2000/75/KE tistabbilixxi regoli u miżuri ta' kontroll biex tiġi miġġielda u tinqered il-bluetongue. Dawn jinkludu t-twaqqif ta' żoni ta' ħarsien u sorveljanza ("żoni ristretti"), l-implimentazzjoni ta' programmi ta' monitoraġġ u sorveljanza tal-bluetongue, u projbizzjoni ta' ħruġ fuq annimali li jħallu ż-żoni ristretti ("il-projbizzjoni ta' ħruġ").

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1266/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 dwar regoli ta' implimentazzjoni għad-Direttiva tal-Kunsill 2000/75/KE fir-rigward tal-kontroll, il-monitoraġġ, is-sorveljanza u r-restrizzjonijiet fuq il-movimenti ta' ċerti annimali ta' speċi suxxettibbli għal dik li hija l-bluetongue ([2]) jippreskrivi regoli li jridu jiġu applikati fil-każ ta' tifqigħa ta' din il-marda.

(3) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007 jippreskrivi r-rekwiżiti minimi għall-programmi ta' monitoraġġ u sorveljanza tal-bluetongue. L-Anness III ta' dan ir-Regolament jippreskrivi l-kondizzjonijiet għal eżenzjoni mill-projbizzjoni ta' ħruġ fir-rigward ta' annimali, is-semen tagħhom, ova u embrijuni. L-Anness V ta' dan ir-Regolament jippreskrivi kriterji bil-għan li tiġi ddeterminata żona staġjonalment ħielsa mill-bluetongue.

(4) Jeħtieġ li jkun hemm programmi xierqa ta' monitoraġġ u sorveljanza tal-bluetongue biex fost l-oħrajn jinkisbu l-għanijiet li tinstab il-preżenza tal-virus tal-bluetongue fl-aktar stadju bikri possibbli, li tiġi ppruvata l-assenza tas-serotipi ġenerali jew speċifiċi tal-virus tal-bluetongue, u jiġi ddeterminat il-perjodu staġjonalment ħieles mill-vettur. Il-programmi ta' monitoraġġ u sorveljanza għandhom jinkludu r-rekwiżiti minimi għall-Istati Membri, filwaqt li jiżguraw biżżejjed flessibilità biex iqisu l-kondizzjonijiet epidemijoloġiċi lokali.

(5) Kampanja ta' tilqim ta' emerġenza tal-massa kontra tipi varji ta' bluetongue qed tiġi implimentata fl-UE. It-tilqim ta' annimali kontra din il-marda jirrappreżenta tibdila ewlenija tal-istatus ta' immunità tal-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli u għandu implikazzjonijiet għall-programmi ta' sorveljanza u monitoraġġ tal-bluetongue. Għalhekk jeħtieġ li jsiru ċerti modifiki fir-rekwiżiti għall-programmi.

(6) L-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007 jippreskrivi kriterji bil-għan li tiġi ddeterminata żona staġjonalment ħielsa mill-bluetongue. Għal raġunijiet ta' ċarezza u approċċ aktar armonizzat, il-bidu u t-tmiem tal-perjodu staġjonalment ħieles mill-vettur għandhom ikunu bbażati fuq dejta ta' sorveljanza standardizzata.

(7) It-taqsima B tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1266/2007 tistipula l-kondizzjonijiet għal eżenzjoni mill-projbizzjoni ta' ħruġ fir-rigward tas-semen. Hija tistipula li, biex jiġi eżentat, is-semen irid ikun inkiseb minn annimali donaturi li jkunu f'konformità ma' ċerti kondizzjonijiet. Biex ikun hemm ċertezza dwar il-leġiżlazzjoni tal-Komunità, huwa xieraq li jiġu ċċarati ċerti rekwiżiti fir-rigward tar-reġimi ta' ttestjar ta' annimali donaturi tas-semen, b'mod partikolari għal dak li huwa ttestjar ta' wara li jsir il-ġbir.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 1266/2007 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1266/2007 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Anness I għandu jiġi ssostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 327, 22.12.2000, p. 74.
([2]) ĠU L 283, 27.10.2007, p. 37.

(2) Fit-Taqsima B tal-Anness III, il-punti (d) u (e) jiġu sostitwiti b’dan li ġej:

“(d) ikunu ġew suġġetti għal test seroloġiku skont il-Manwal tal-Annimali Terrestri tal-OIE biex jinstabu antikorpi għall-grupp tal-virus bluetongue, b’riżultati negattivi, mill-inqas kull 60 jum matul il-perjodu ta’ ġbir u bejn 21 u 60 jum wara l-aħħar ġbir tas-semen li jrid jintbagħat;

(e) ikunu ġew suġġetti għal test għall-identifikazzjoni tal-aġent, b’riżultati negattivi, skont il-Manwal tal-Annimali Terrestri tal-OIE li jkun sar fuq kampjuni tad-demm miġbura:

(i) fil-bidu u fl-aħħar ġbir tas-semen li jrid jintbagħat; kif ukoll

(ii) matul il-perjodu ta’ ġbir tas-semen:

— mill-inqas kull sebat ijiem, f’każ ta’ test ta’ iżolazzjoni tal-virus, jew

— mill-inqas kull 28 jum, f’każ ta’ test ta’ reazzjoni katina ta’ enzimi li jikkatalizzaw il-polimerizzazzjoni”.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu jkun applikabbli b’mod dirett fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 7 ta’ Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*"ANNESS I*

**Rekwiżiti minimi għall-programmi ta' monitoraġġ u sorveljanza tal-bluetongue (kif imsemmi fl-Artikolu 4)**

1. *Rekwiżiti minimi għal programmi ta' monitoraġġ tal-bluetongue biex jiġu implimentati mill-Istati Membri f'żoni ristretti*

Il-programmi ta' monitoraġġ tal-bluetongue għandhom ikunu mmirati biex jipprovdu tagħrif dwar id-dinamika tal-bluetongue f'żona ristretta. L-għanijiet tal-programmi ta' monitoraġġ tal-bluetongue huma li tiġi rilevata l-ewwel inċidenza ta' serotipi ġodda tal-bluetongue u biex tiġi ppruvata l-assenza ta' ċerti serotipi tal-bluetongue. Għanijiet oħra jistgħu jinkludu l-prova tal-assenza ta' ċirkolazzjoni tal-virus bluetongue, id-determinazzjoni tal-perjodu staġjonalment ħieles mill-vettur u l-identifikazzjoni tal-ispeċi li tkun vettur.

L-unità ġeografika ta' referenza għall-għanijiet ta' monitoraġġ u sorveljanza tal-bluetongue għandha tkun definita minn grilja ta' linji ta' madwar 45 × 45 km (bejn wieħed u ieħor 2 000 km$^2$) sakemm kondizzjonijiet ambjentali speċifiċi ma jiġġustifikawx daqs differenti. L-Istati Membri jistgħu wkoll jużaw ir-'reġjun' kif iddefinit fl-Artikolu 2(p) tad-Direttiva 64/432/KEE bħala l-unità ġeografika ta' referenza għall-għanijiet ta' monitoraġġ u sorveljanza.

1.1. Il-programmi ta' monitoraġġ tal-bluetongue għandhom jikkonsistu tal-anqas f'sorveljanza klinika passiva u sorveljanza attiva bbażata fil-laboratorju, kif stabbilit fil-punti 1.1.1 u 1.1.2.

1.1.1. Is-sorveljanza klinika passiva għandha:

— tikkonsisti f'sistema formali, dokumentata kif xieraq u kontinwa mmirata lejn is-sejbien u l-investigazzjoni ta' suspetti ta' bluetongue, inkluża sistema ta' twissija bikrija għar-rapportar ta' każijiet suspettużi. Is-sidien jew id-detenturi u l-veterinarji għandhom jirrappurtaw minnufih kull suspett lill-awtorità kompetenti. Is-suspetti kollha mnissla mill-preżenza tas-serotipi tal-bluetongue mhux mistennija li jkunu preżenti fiż-żona ġeografika epidemjoloġikament rilevanti jridu jiġu investigati bir-reqqa minnfuh mill-awtorità kompetenti biex jinstabu fiċ-ċert is-serotipi tal-bluetongue li jkunu fiċ-ċirkolazzjoni;

— tiġi msaħħa b'mod speċifiku matul l-istaġun ta' attività tal-vettur;

— tiżgura li jseħħu kampanji ta' għarfien u li jkunu mmirati, b'mod partikolari, biex is-sidien jew id-detenturi u l-veterinarji jkunu jistgħu jidentifikaw sinjali kliniċi tal-bluetongue.

1.1.2. Is-sorveljanza attiva bbażata fil-laboratorju għandha tikkonsisti f'tal-inqas waħda minn dawn li ġejjin jew taħlita tagħhom: monitoraġġ seroloġiku b'annimali sentinella, stħarriġ seroloġiku/viroloġiku, jew monitoraġġ immirat li jkun ibbażat fuq ir-riskju, kif stabbilit fil-punti 1.1.2.1, 1.1.2.2 u 1.1.2.3.

1.1.2.1. Monitoraġġ seroloġiku b'annimali sentinella:

— Il-monitoraġġ seroloġiku b'annimali sentinella għandu jikkonsisti fi programm attiv annwali ta' ttestjar ta' annimali sentinella mmirat lejn l-evalwazzjoni taċ-ċirkolazzjoni tal-virus bluetongue fi ħdan iż-żona ristretta. Fejn possibbli, l-annimali sentinella għandhom ikunu annimali tal-ifrat. Għandhom ikunu ħielsa mill-antikorpi kif ippruvat permezz ta' test seronegattiv preliminari u għandhom jitqiegħdu f'postijiet taż-żona ristretta fejn, wara li ssir analiżi tar-riskju li tqis evalwazzjonijiet entomoloġiċi u ekoloġiċi, tkun ġiet ikkonfermata l-preżenza tal-vettur jew ikunu preżenti kondizzjonijiet tajba għat-tnissil tal-vettur.

— L-annimali sentinella għandhom jiġu ttestjati mill-inqas kull xahar matul il-perjodu ta' attività tal-vettur involut, jekk ikun magħruf. Fin-nuqqas ta' tagħrif bħal dan l-annimali sentinella għandhom jiġu ttestjati mill-inqas darba kull xahar matul is-sena kollha.

— In-numru minimu ta' annimali sentinella għal kull unità ġeografika ta' referenza għall-għanijiet ta' monitoraġġ u sorveljanza tal-bluetongue għandu jkun rappreżentattiv u suffiċjenti biex tinstab inċidenza kull xahar ta' serokonverżjoni [1] ta' 2 % bi grad ta' fiduċja ta' 95 % f'kull unità ġeografika ta' referenza.

— L-ittestjar fil-laboratorju għandu jkun maħsub b'mod li wara t-testijiet ta' skrining pożittiv ikun hemm testijiet seroloġiċi/viroloġiċi speċifiċi tas-serotip immirati għas-serotip jew serotipi tal-bluetongue mistennija li jkunu preżenti fiż-żona ġeografika epidemjoloġikament rilevanti biex jinstab b'ċertezza s-serotip speċifiku li jkun qed jiċċirkola.

---

[1] Minn stima nstab li 20 % hija r-rata normali annwali ta' serokonverżjoni f'żona infettata. Iżda, fil-Komunità, iċ-ċirkolazzjoni tal-virus l-aktar li sseħħ huwa f'perjodu ta' madwar sitt xhur (tmiem ir-rebbiegħa/nofs il-ħarifa). Għalhekk 2 % hija stima konservattiva tar-rata mistennija ta' serokonverżjoni ta' kull xahar.

1.1.2.2. Stħarriġ seroloġiku/viroloġiku:

— għandu jikkonsisti fi programm attiv annwali ta’ ttestjar seroloġiku/viroloġiku ta’ popolazzjonijiet ta’ speċi suxxettibbli, immirat biex tinstab evidenza tat-trażmissjoni tal-virus bluetongue permezz ta’ ttestjar seroloġiku u/jew viroloġiku b’mod fortuwitu implimentat fiż-żoni ġeografiċi epidemijoloġikament rilevanti u mwettaq fil-perjodu tas-sena li fih hemm iktar probabbiltà li tinstab is-serokonverżjoni;

— għandu jkun maħsub b’tali mod li l-kampjuni jkunu rappreżentattivi u aġġustati mal-istruttura tal-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli li minnha jrid jittieħed kampjun fiż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti u d-daqs tal-kampjun ikun ġie kkalkulat biex tinstab prevalenza ta’ 20 % bi grad ta’ fiduċja ta’ 95 % fil-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli ta’ din iż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti;

— għandu jiżgura li l-annimali seropożittivi minn popolazzjonijiet imlaqqmin jew immunizzati ma jinfluwenzawx l-istħarriġ seroloġiku;

— għandu jiżgura li l-ittestjar fil-laboratorju jkun maħsub b’mod li wara t-testijiet ta’ skrining pożittiv ikun hemm testijiet seroloġiċi/viroloġiċi speċifiċi tas-sertotip immirati għas-serotip jew serotipi tal-bluetongue mistennija li jkunu preżenti fiż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti biex jinstab b’ċertezza s-serotip speċifiku li jkun qed jiċċirkola.

— jista’ wkoll ikun maħsub biex iżomm traċċja tal-kopertura tal-vaċċin u t-tqassim ta’ serotipi differenti tal-bluetongue preżenti fiż-żona ristretta.

1.1.2.3. Monitoraġġ immirat li jkun ibbażat fuq ir-riskju:

— għandu jikkonsisti f’sistema formali, iddokumentata sewwa u kontinwa bil-ħsieb li tiġi ppruvata l-assenza ta’ ċerti serotipi speċifiċi ta’ bluetongue;

— japplika għal popolazzjoni mmirata ta’ annimali suxxettibbli b’riskju relattivament għoli, ibbażat fuq il-post li fih jinsabu, il-qagħda ġeografika u l-epidemijoloġija tas-serotip jew serotipi tal-bluetongue mistenni/ja li jkun/u preżenti fiż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti;

— irid ikollu strateġija ta’ teħid ta’ kampjuni li tkun taqbel mal-popolazzjoni mmirata definita. Id-daqs tal-kampjun ikun ġie ikkalkulat biex tinstab il-prevalenza preżunta (ibbażata fuq ir-riskju magħruf tal-popolazzjoni mmirata) bi grad ta’ fiduċja ta’ 95 % fil-popolazzjoni mmirata ta’ dik iż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti. Kull meta l-kampjuni ma joriġinawx minn annimali individwali, id-daqs tal-kampjun irid jitranġa skont is-sensittività tal-proċeduri dijanjostiċi applikati.

1.2. Biex jiġi ddeterminat il-perjodu staġjonalment ħieles mill-vettur kif imsemmi fl-Anness V ta’ dan ir-Regolament, is-sorveljanza entomoloġika trid tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

— għandha tikkonsisti f’tal-inqas programm attiv annwali ta’ qbid tal-vettur permezz ta’ nases b’aspirazzjoni li jkunu tqiegħdu f’post permanenti biex tiġi ddeterminata d-dinamika tal-popolazzjoni tal-vettur;

— nases b’aspirazzjoni mgħammra b’dawl ultravjola għandhom jintużaw b’konformità ma’ protokolli stabbiliti minn qabel. In-nases iridu jitħaddmu tul il-lejl kollu u jridu jaħdmu b’rata ta’ mill-inqas:

  — lejl kull ġimgħa matul ix-xahar qabel il-bidu mistenni u matul ix-xahar ta’ qabel it-tmiem mistenni tal-perjodu staġjonalment ħieles mill-vettur;

  — lejl kull xahar matul il-perjodu staġunalment ħieles mill-vettur;

  — fuq il-bażi tal-evidenza miksuba fl-ewwel tliet snin tat-tħaddim tagħhom, il-frekwenza ta’ tħaddim tan-nases b’aspirazzjoni tista’ tiġi aġġustata.

— f’kull żona epidemijoloġikament rilevanti taż-żona kollha staġjonalment ħielsa mill-bluetongue għandha titqiegħed mill-anqas nassa waħda. Proporzjon tal-insetti miġburin fin-nases b’aspirazzjoni għandu jintbagħat f’laboratorju speċjalizzat li kapaċi jgħodd u jidentifika l-ispeċi ta’ vettur issuspettat.

1.3. Monitoraġġ sabiex il-Kummissjoni jkollha tagħrif sostanzjat li juri l-assenza tal-virus tal-bluetongue li jiċċirkola f'żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti matul perjodu ta' sentejn, kif imsemmi fl-Artikolu 6(2):

— għandu jikkonsisti f'tal-inqas waħda minn dawn li ġejjin jew taħlita tagħhom: monitoraġġ seroloġiku b'annimali sentinella, stħarriġ seroloġiku/viroloġiku u monitoraġġ immirat li jkun ibbażat fuq ir-riskju, kif stabbilit fil-punti 1.1.2.1, 1.1.2.2 u 1.1.2.3;

— għandu jkun maħsub b'tali mod li l-kampjuni jkunu rappreżentattivi u aġġustati mal-istruttura tal-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli li minnha jrid jittieħed kampjun fiż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti u d-daqs tal-kampjun ikun gie kkalkulat biex tinstab prevalenza ta' 20 % ([1]) b'kunfidenza ta' 95 % fil-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli ta' din iż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti jekk ma jkunx ġie implimentat tlaqqim bil-massa; jew

— għandu jkun maħsub b'tali mod li l-kampjuni jkunu rappreżentattivi u aġġustati mal-istruttura tal-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli li minnha jrid jittieħed kampjun fiż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti u d-daqs tal-kampjun ikun gie kkalkulat biex tinstab prevalenza ta' 10 % ([2]) b'kunfidenza ta' 95 % fil-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli ta' din iż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti jekk ikun ġie implimentat tlaqqim bil-massa.

2. *Rekwiżiti minimi għall-programmi ta' sorveljanza tal-bluetongue li jridu jiġu implimentati mill-Istati Membri barra minn żoni ristretti*

Il-programmi ta' sorveljanza tal-bluetongue għandu jkollhom l-għan li jiskopru kull inkursjoni tal-virus tal-bluetongue u li juru l-assenza ta' dan il-virus fi Stat Membru ħieles mill-bluetongue jew f'żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti.

Il-programmi ta' sorveljanza tal-bluetongue għandhom jikkonsistu tal-anqas f'sorveljanza klinika passiva u sorveljanza attiva bbażata fil-laboratorju, kif stabbilit fil-punti 2.1 u 2.2.

2.1. Is-sorveljanza klinika passiva:

— għandha tikkonsisti f'sistema formali, iddokumentata kif xieraq u kontinwa, immirata lejn is-sejbien u l-investigazzjoni ta' suspetti ta' bluetongue inkluża sistema ta' twissija bikrija għar-rapportar ta' każijiet suspettużi. Is-sidien jew id-detenturi u l-veterinarji għandhom jirrappurtaw minnufih kull suspett lill-awtorità kompetenti. Is-suspetti kollha għandhom jiġu investigati bir-reqqa u minnufih mill-awtorità kompetenti sabiex tikkonferma jew teskludi kull tifqigħa tal-bluetongue;

— għandha tissaħħaħ speċjalment matul l-istaġun ta' attività tal-vettur f'żoni li jkollhom riskju speċifiku relattivament ogħla, ibbażat fuq dejta ġeografika u epidemijoloġika;

— trid tiżgura li jseħħu kampanji ta' għarfien u li jkunu mmirati, b'mod partikolari, biex is-sidien jew id-detenturi u l-veterinarji jkunu jistgħu jidentifikaw sinjali kliniċi tal-bluetongue.

2.2. Is-sorveljanza attiva bbażata fil-laboratorju għandha tikkonsisti f'tal-inqas waħda minn dawn li ġejjin jew taħlita tagħhom: monitoraġġ seroloġiku b'annimali sentinella, stħarriġ seroloġiku/viroloġiku, jew sorveljanza mmirata li tkun ibbażata fuq ir-riskju, kif stabbilit fil-punti 2.2.1, 2.2.2 u 2.2.3.

2.2.1. Monitoraġġ seroloġiku b'annimali sentinella

— Il-monitoraġġ seroloġiku b'annimali sentinella għandu jikkonsisti fi programm attiv annwali ta' ttestjar ta' annimali sentinella, immirat lejn is-sejbien tal-evidenza tat-trażmissjoni tal-virus bluetongue barra miż-żoni ristretti. Trid tingħata attenzjoni speċifika lil żoni ta' riskju għoli, fuq bażi ta' dejta ġeografika u epidemijoloġika;

— L-annimali sentinella għandhom jiġu ttestjati mill-inqas kull xahar matul il-perjodu ta' attività tal-vettur involut, jekk dan il-perjodu jkun magħruf. F'nuqqas ta' tagħrif bħal dan, l-annimali sentinella għandhom jiġu ttestjati mill-inqas darba kull xahar matul is-sena kollha;

([1]) Minn stima nstab li 20 % hija r-rata normali annwali ta' serokonverżjoni f'żona infettata. Iżda, jekk hemm evidenza li r-rata annwali ta' serokonverżjoni fiż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti hija anqas minn 20 % id-daqs tal-kampjun irid jiġi kkalkulat biex tinstab l-iktar stima baxxa tal-prevalenza.

([2]) Huwa preżunt li 10 % hija r-rata annwali normali ta' serokonverżjoni f'żona vaċċinata. Iżda, jekk hemm evidenza li r-rata annwali ta' serokonverżjoni fiż-żona ġeografika vaċċinata rilevanti epidemijoloġikament hija iktar baxxa minn 10 %, id-daqs tal-kampjun irid jiġi kkalkulat biex tinstab l-iktar stima baxxa tal-prevalenza.

— In-numru minimu ta' annimali sentinella għal kull unità ġeografika ta' referenza għall-għanijiet ta' monitoraġġ u sorveljanza tal-bluetongue għandu jkun rappreżentattiv u suffiċjenti biex tinstab inċidenza kull xahar ta' serokonverżjoni ([1]) ta' 2 % bi grad ta' fiduċja ta' 95 % f'kull unità ġeografika ta' referenza.

2.2.2. Stħarriġ seroloġiku/viroloġiku:

— għandu jikkonsisti fi programm attiv annwali ta' ttestjar seroloġiku/viroloġiku ta' popolazzjonijiet ta' speċi suxxettibbli, immirat biex tinstab evidenza tat-trażmissjoni tal-virus bluetongue barra miż-żoni ristretti permezz ta' ttestjar seroloġiku u/jew viroloġiku b'mod fortuwitu implimentat fiż-żoni ġeografiċi epidemijoloġikament rilevanti u mwettaq fil-perjodu tas-sena li fih hemm iktar probabbiltà li tinstab is-serokonverżjoni;

— għandu jkun maħsub b'tali mod li l-kampjuni jkunu rappreżentattivi u aġġustati mal-istruttura tal-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli li minnha jrid jittieħed kampjun fiż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti u d-daqs tal-kampjun ikun gie kkalkulat biex tinstab prevalenza ta' 20 % bi grad ta' fiduċja ta' 95 % fil-popolazzjoni tal-ispeċi suxxettibbli ta' din iż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti;

— għandu jiżgura li l-annimali seropożittivi minn popolazzjonijiet imlaqqmin jew immunizzati ma jinfluwenzawx l-istħarriġ seroloġiku.

2.2.3. Sorveljanza mmirata li tkun ibbażata fuq ir-riskju

— għandha tikkonsisti f'sistema formali, iddokumentata sewwa u kontinwa bil-ħsieb li tiġi ppruvata l-assenza ta' ċerti serotipi speċifiċi ta' bluetongue;

— trid tkun ibbażata fuq għarfien sostanzjali tal-fatturi lokali ta' riskju; dan l-għarfien irid jippermetti l-identifikazzjoni tal-popolazzjoni mmirata b'riskju speċifiku relattivament ogħla li minnha jrid jittieħed kampjun;

— trid tiżgura li l-istrateġija mmirata ta' teħid ta' kampjuni tkun aġġustata mal-popolazzjoni mmirata ddefinita bħala waħda ta' riskju relattivament ogħla u d-daqs tal-kampjun ikun ġie kkalkulat biex tinstab il-prevalenza preżunta (ibbażata fuq ir-riskju magħruf tal-popolazzjoni mmirata) bi grad ta' fiduċja ta' 95 % fil-popolazzjoni mmirata ta' dik iż-żona ġeografika epidemijoloġikament rilevanti.

([1]) Minn stima nstab li 20 % hija r-rata normali annwali ta' serokonverżjoni f'żona infettata. Iżda, fil-Komunità, iċ-ċirkolazzjoni tal-virus isseħħ f'perjodu ta' madwar sitt xhur (tmiem ir-rebbiegħa/nofs il-ħarifa). Għalhekk 2 % hija stima konservattiva tar-rata mistennija ta' kull xahar ta' serokonverżjoni."

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1109/2008

## tas-6 ta' Novembru 2008

## li jemenda għall-100 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001 li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerti merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi s-sekwestru ta' fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban tal-Afganistan ([1]), u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 7(1) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mis-sekwestrar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

(2) Fl-10 ta' Ottubru 2008, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jemenda l-lista tal-persuni, gruppi u entitajiet li għalihom għandu japplika l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi billi jiżdiedu tliet persuni mal-lista bl-informazzjoni dwar ir-rabta tagħhom mal-Al-Qaida.

(3) L-Anness I għandu jiġi emendat kif jixraq.

(4) Biex jiġi garantit li l-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ immedjatament.

(5) Il-Kummissjoni se tikkomunika lill-individwi kkonċernati l-bażi li fuqha hu msawwar dan ir-Regolament, u se tagħtihom l-opportunità li jikkummentaw dwar din il-bażi u jirrevedu dan ir-Regolament fid-dawl tal-kummenti u l-informazzjoni addizzjoni li jista' jkun hemm,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 hu emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 6 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Benita FERRERO-WALDNER
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9.

*ANNESS*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat kif ġej:

L-annotazzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu miżjuda taħt l-intestatura “Persuni naturali”:

(1) Adil Muhammad Mahmud **Abd Al-Khaliq** (*alias* (a) Adel Mohamed Mahmoud Abdul Khaliq; (b) Adel Mohamed Mahmood Abdul Khaled). Data tat-twelid: 2.3.1984. Post tat-Twelid: Il-Baħrajn Numru tal-passaport: 1632207 (Il-Baħrajn). Tagħrif ieħor: (a) Aġixxa f'isem, u pprovda appoġġ finanzjarju, materjali u loġistiku, lil Al-Qaida u lill-Grupp tal-Ġlied Iżlamiku Libjan, inkluż billi pprovda partijiet elettriċi użati fl-isplussivi, fil-kompjuters, f'apparat tal-GPS u f'apparat militari. (b) Tharreġ minn Al-Qaida f'armamenti żgħar u splussivi fl-Ażja ta’ Isfel u ġġieled flimkien ma’ Al-Qaida fl-Afganistan. (c) Arrestat fl-Emirati Gharab Magħquda (UAE) f'Jannar tal-2007 fuq akkużi li huwa membru ta’ Al-Qaida u tal-Grupp tal-Ġlied Iżlamiku Libjan. (d) Wara li nstab ħati fl-Emirati Gharab Magħquda lejn tmiem l-2007 ġie trasferit lejn il-Baħrajn kmieni fl-2008 biex hemm jiskonta l-bqija tas-sentenza tiegħu.

(2) Abd Al-Rahman Muhammad Jaffar **Ali** (*magħruf ukoll bħala* (a) Abd al-Rahman Muhammad Jaffir; (b) Abd al-Rahman Muhammad Jafir Ali; (c) Abd al-Rahman Jaffir Ali; (d) Abdul Rahman Mohamed Jaffer Ali; (e) Abdulrahman Mohammad Jaffar; (f) Ali Al-Khal; (g) Abu Muhammad Al-Khal). Data tat-twelid: 15.1.1968. Post tat-Twelid: Muharraq, il-Baħrajn. Ċittadinanza: Baħrajnija. Tagħrif ieħor: (a) Finanzjatur u faċilitatur għal Al-Qaida, ibbażat fil-Baħrajn. (b) F'Jannar tal-2008 nstab ħati mill-Qorti Suprema Kriminali tal-Baħrajn li ffinanzja t-terroriżmu, li segwa taħriġ terroristiku, li ffaċilita l-ivjaġġar ta’ oħrajn biex isegwu taħriġ terroristiku f'pajjiżi oħra, kif ukoll li kien membru f'organizzazzjoni terroristika. Meħlus wara l-verdett tal-Qorti u wara li skonta s-sentenza. (c) Jinsab fil-Baħrajn (Mejju 2008).

(3) Khalifa: Muhammad Turki **Al-Subaiy** (*magħruf ukoll bħala* (a) Khalifa Mohd Turki Alsubaie; (b) Khalifa Mohd Turki al-Subaie; (c) Khalifa Al-Subayi; (d) Khalifa Turki bin Muhammad bin al-Suaiy). Data tat-twelid: 1.1.1965. Ċittadinanza: Qaratija. Numru tal-passaport: 00685868 (Qatari). Numru tal-Karta tal-Identità: 26563400140 (Qatarija). Tagħrif ieħor: (a) Finanzjatur u faċilitatur ibbażat fil-Qatar li pprovda appoġġ finanzjarju lil, u aġixxa f'isem, it-tmexxija anzjana ta’ Al-qaida, inkluż it-trasport ta’ rekruti lejn kampijiet ta’ taħriġ ta’ Al-Qaida fl-Azja ta’ Isfel. (b) F'Jannar tal-2008 nstab ħati fin-nuqqas tiegħu mill-Qorti Suprema Kriminali tal-Baħrajn li ffinanzja t-terroriżmu, li segwa taħriġ terroristiku, li ffaċilita l-ivjaġġar ta’ oħrajn biex isegwu taħriġ terroristiku f'pajjiżi oħra, kif ukoll li kien membru f'organizzazzjoni terroristika. (c) Arrestat fil-Qatar f'Marzu tal-2008. Qed jiskonta s-sentenza tiegħu fil-Qatar (Ġunju 2008).

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2008/95/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-22 ta' Ottubru 2008**

**biex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks**

**(Verżjoni kodifikata)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE ta' l-21 ta' Diċembru 1988 sabiex jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks [3] ġiet emendata fil-kontenut tagħha [4]. Għal iktar ċarezza u razzjonalità, l-imsemmija Direttiva għandha tiġi kodifikata.

(2) Il-liġijiet dwar it-trade marks applikabbli fl-Istati Membri qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 89/104/KEE kellhom fihom disparitajiet li setgħu fixklu l-moviment liberu tal-merkanzija u l-libertà tal-provvista ta' servizzi u setgħu wasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq komuni. Kien għalhekk meħtieġ li jiġu approssimati l-liġijiet ta' l-Istati Membri sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tas-suq intern.

(3) Huwa importanti li ma jiġux injorati s-soluzzjonijiet u l-vantaġġi li s-sistema Komunitarja tat-trade marks tistà tippermetti lill-impriżi li jixtiequ jiksbu trade marks.

(4) Ma jidhirx li hu meħtieġ li ssir approssimazzjoni kompleta tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar it-trade marks. Ikun biżżejjed jekk l-approssimazzjoni tkun limitata għal dawk id-dispożizzjonijiet nazzjonali tal-liġi li l-aktar direttament jinċidu fuq il-funzjonament tas-suq intern.

(5) Id-Direttiva m'għandhiex tipprekludi d-dritt ta' l-Istati Membri li jkomplu jipproteġu t-trade marks miksuba permezz ta' użu, iżda għandha tikkunsidrahom biss fir-rigward tar-relazzjoni bejniethom u t-trade marks miksuba mir-reġistrazzjoni.

(6) L-Istati Membri għandhom jibqgħu wkoll liberi li jiffissaw id-dispożizzjonijiet ta' proċedura dwar ir-reġistrazzjoni, ir-revokazzjoni u n-nullità' tat-trade marks miksuba mir-reġistrazzjoni. Jistgħu, per eżempju, jiddeterminaw il-forma tar-reġistrazzjoni tat-trade marks u l-proċeduri ta' nullità, jiddeċiedu jekk għandhomx jiġu invokati drittijiet preċedenti fil-proċedura tar-reġistrazzjoni jew fil-proċedura ta' nullità jew fit-tnejn u, jekk jippermettu li jiġu invokati drittijiet preċedenti fil-proċedura tar-reġistrazzjoni, li jkollhom proċedura ta' oppożizzjoni jew proċedura ta' eżami *ex ufficio* jew it-tnejn. L-Istati Membri għandhom jibqgħu liberi li jiddeterminaw l-effetti tar-revokazzjoni jew tan-nullità tat-trade marks.

(7) Din id-Direttiva m'għandhiex teskludi l-applikazzjoni għal trade marks ta' dispożizzjonijiet tal-liġi ta' l-Istati Membri li jkunu diversi mil-liġi tat-trade marks, bħad-dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni inġusta, ir-responsabbiltà ċivili u l-protezzjoni tal-konsumatur.

(8) Il-kisba ta' l-għanijiet li għalihom taspira din l-approssimazzjoni tal-liġijiet tirrikjedi li l-kondizzjonijiet għall-kisba u ż-żamma ta' *trade mark* reġistrata ikunu ġeneralment identiċi fl-Istati Membri kollha. Għal dan l-iskop, huwa meħtieġ li jkunu elenkati eżempji ta' sinjali li jistgħu jikkostitwixxu *trade mark*, sakemm dawn is-sinjali jkunu kapaċi jiddistingwu l-merkanzija jew is-servizzi ta' impriża waħda minn dawk ta' impriżi oħra. Ir-raġunijiet għal rifjut jew nullità li jikkonċernaw it-*trade mark* stess, per eżempju, in-nuqqas ta' kwalunkwe karattru distint, jew li jikkonċernaw konflitti bejn it-*trade mark* u drittijiet

[1] ĠU C 161, 13.7.2007, p. 44.
[2] L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tad-19 ta' Ġunju 2007 (ĠU C 146 E, 12.6.2008, p. 76 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Settembru 2008.
[3] ĠU L 40, 11.2.1989, p. 1.
[4] Ara l-Anness I, Parti A.

preċedenti, għandhom ikunu elenkati b'mod eżawrjenti, anke jekk ċerti minn dawn ir-raġunijiet huma elenkati bħala għażla għall-Istati Membri li għandhom ikunu jistgħu għalhekk iżommu jew jintroduċu dawk ir-raġunijiet fil-leġislazzjoni tagħhom. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jżommu jew jintroduċu fil-leġislazzjoni tagħhom raġunijiet għal rifjut jew nullità b'konnessjoni mal-kondizzjonijiet għall-kisba u ż-żamma ta' *trade mark* li għalihom ma hemm l-ebda dispożizzjoni ta' approssimazzjoni, dwar, per eżempju, l-eliġibbiltà għall-għoti ta' *trade mark*, it-tiġdid tat-*trade mark* jew ir-regoli dwar il-miżati, jew relatata man-non osservanza ta' regoli proċedurali.

(9) Sabiex jiġi mnaqqas it-total tan-numru tat-trade marks reġistrati u protetti fil-Komunità u, konsegwentement, in-numru ta' konflitti li jqumu bejniethom, huwa essenzjali li jkun meħtieġ li t-trade marks reġistrati għandhom ikunu fil-fatt użati jew, jekk mhux użati, ikunu suġġetti għal revokazzjoni. Huwa meħtieġ li jiġi provdut li *trade mark* ma tistax tiġi dikjarata nulla abbażi ta' l-eżistenza ta' *trade mark* preċedenti mhux użata, filwaqt li l-Istati Membri għandhom jibqgħu liberi li japplikaw l-istess prinċipju għar-reġistrazzjoni ta' *trade mark* jew li jipprovdu li *trade mark* ma' tistax tkun invokata b'suċċess fi proċeduri ta' vjolazzjoni jekk jiġi stabbilit bħala riżultat ta' eċċezzjoni li t-*trade mark* tista' tiġi revokata. F'dawn il-każijiet kollha huma l-Istati Membri li għandhom il-kompetenza li jistabbilixxu r-regoli applikabbli ta' proċedura.

(10) Huwa fundamentali, sabiex jiġi faċilitat l-moviment liberu ta' merkanzija u servizzi, li jiġi żgurat li t-trade marks reġistrati jgawdu l-istess protezzjoni taħt is-sistemi legali ta' l-Istati Membri kollha. Dan m'għandux madankollu jżomm l-Istati Membri milli jagħtu, fuq għażla tagħhom, protezzjoni estensiva lil dawk it-trade marks li jkollhom reputazzjoni.

(11) Il-protezzjoni mogħtija lit-trade marks reġistrati, li l-funzjoni tagħhom hi partikolarment li jiggarantixxu t-*trade mark* bħala indikazzjoni ta' oriġini, għandha tkun assoluta fil-każ ta' identità bejn il-marka u s-sinjal u l-merkanzija jew is-servizzi. Il-protezzjoni għandha tapplika wkoll f'każ ta' similarità bejn il-marka u l-merkanzija jew is-servizzi. Hu indispensabbli li tingħata interpretazzjoni tal-kunċett ta' similarità relatata mal-possibbiltà ta' konfużjoni. Il-possibbiltà ta' konfużjoni, li l-apprezzament tagħha jiddipendi fuq ħafna elementi u, partikolarment fuq ir-rikonoxximent tat-*trade mark* fis-suq, l-assoċjazzjoni li tista' ssir mas-sinjal użat jew registrat, il-grad ta' similarità bejn it-*trade mark* u s-sinjal u bejn il-merkanzija jew servizzi identifikati, għandha tikkostitwixxi l-kondizzjoni specifika għal tali protezzjoni. Il-metodi għad-determinazzjoni tal-possibbiltà ta' konfużjoni u partikolarment l-oneru tal-prova, għandhom ikunu kwistjoni għar-regolamenti proċedurali nazzjonali li m'għandhomx jiġu preġudikati minn din id-Direttiva.

(12) Huwa importanti, għal raġunijiet ta' ċertezza legali u mingħajr ma jsir preġudizzju inġust lill-interessi ta' proprjetarju ta' *trade mark* preċedenti, li jiġi stipulat li dan ta' l-aħħar ma jistax jitlob aktar dikjarazzjoni ta' nullità u l-anqas ma jista' jopponi l-użu ta' *trade mark* sussegwenti għal tiegħu li tagħha huwa kuxjentement ittollera l-użu għal tul ta' żmien sostanzjali, sakemm l-applikazzjoni għat-*trade mark* sussegwenti ma saretx in *mala fede*.

(13) L-Istati Membri kollha huma marbuta mill-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali. Huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva jkunu għal kollox konsistenti ma' dawk tal-Konvenzjoni msemmija. Din id-Direttiva m'għandhiex tinċidi fuq l-obbligi ta' l-Istati Membri li jirriżultaw minn dik il-Konvenzjoni. Fejn il-każ ikun jeħtieġ, għandu jkun applikabbli t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 307 tat-Trattat.

(14) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' l-Istati Membri relatati mal-limitu ta' żmien għat-trażpożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva 89/104/KE stabbilita fl-Anness I, Parti B,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' applikazzjoni**

Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull *trade mark* fir-rigward ta' merkanzija jew servizzi li fir-rigward tagħha saret reġistrazzjoni jew applikazzjoni fi Stat Membru għall-fini tar-reġistrazzjoni tagħha bħala *trade mark* individwali, marka kollettiva jew garanzija jew marka ta' ċertifikazzjoni, jew li fir-rigward tagħha saret reġistrazzjoni jew applikazzjoni għall-fini tar-reġistrazzjoni tagħha fl-Uffiċċju tal-Benelux għall-Proprjeta' Intellettwali jew reġistrazzjoni internazzjonali li jkollha effett fi Stat Membru.

*Artikolu 2*

**Sinjali li minnhom trade mark tista' tikkonsisti**

*Trade mark* tista' tikkonsisti minn kwalunkwe sinjal kapaċi li jiġi rappreżentat grafikament, b'mod partikolari permezz ta' kliem, inklużi ismijiet personali, disinji, ittri, numri, l-għamla ta' merkanzija jew l-imballaġġ tagħhom, sakemm dawn is-sinjali ikunu jistgħu jiddistingwu l-merkanzija jew is-servizzi ta' impriża waħda minn dawk ta' impriżi oħra.

*Artikolu 3*

**Raġunijiet għal rifjut jew nullità**

1. Is-segwenti m'għandhomx jiġu reġistrati jew, jekk jiġu reġistrati, għandhom ikunu suxxettibbli għal dikjarazzjoni ta' nullità:

(a) sinjali li ma jistgħux jikkostitwixxu *trade mark*;

(b) trade marks li ma għandhom l-ebda karatteristika distintiva;

(c) trade marks li jikkonsistu esklussivament f'sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jservu, fil-kummerċ, sabiex jindikaw it-tip, kwalità, kwantità, skop intiż, valur, oriġini ġeografika, jew iż-żmien ta' produzzjoni tal-merkanzija jew ta' l-għoti tas-servizz, jew karatteristiċi oħra tal-merkanzija jew tas-servizz;

(d) trade marks li jikkonsistu esklussivament minn sinjali jew indikazzjonijiet li saru konswetudinarji fil-lingwa kurrenti jew fil-prattika bona fide u stabbilita tal-kummerċ;

(e) sinjali li jikkonsistu esklussivament minn:

(i) l-għamla li tirriżulta min-natura tal-merkanzija stess,

(ii) l-għamla tal-merkanzija li tkun meħtieġa sabiex jiġi ottenut riżultat tekniku,

(iii) l-għamla li tagħti valur sostanzjali lill-merkanzija;

(f) trade marks li jkunu kuntrarji għall-ordni pubbliku jew għal prinċipji aċċettati ta' moralità;

(g) trade marks li jkunu ta' tali natura li jqarrqu l-pubbliku, per eżempju dwar in-natura, kwalità jew oriġini ġeografika tal-merkanzija jew servizz;

(h) trade marks li ma ġewx awtorizzati mill-awtoritajiet kompetenti u għandhom jiġu rifjutati jew dikjarati nulli skond l-Artikolu 6 b tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Protezzjoni tal-Proprjeta' Industrijali, minn hawn 'il quddiem imsejħa l-“Konvenzjoni ta' Pariġi”.

2. Kwalunkwe Stat Membru jista' jistabbilixxi li *trade mark* ma tiġix reġistrata jew, jekk reġistrata, li għandha tkun suxxettibbli għal-dikjarazzjoni ta' nullità jekk u sa fejn:

(a) l-użu ta' dik it-trade mark jista' jkun projbit skond dispożizzjonijiet ta' liġi diversa mil-liġi tat-trade marks ta' l-Istat Membru konċernat jew tal-Komunità;

(b) it-trade mark tkopri sinjal ta' valur simboliku kbir, b'mod partikolari simbolu reliġjuż;

(c) it-trade mark tinkludi badges, emblemi u stemmi li jkunu diversi minn dawk koperti mill-Artikolu 6 b tal-Konvenzjoni ta' Pariġi u li jkunu ta' interess pubbliku, sakemm ma ngħatax il-kunsens ta' l-awtorità kompetenti għar-reġistrazzjoni tagħha konformement mal-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru;

(d) l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark saret *in mala fede* mill-applikant.

3. Trade mark m'għandhiex tiġi rifjutata reġistrazzjoni jew tiġi dikjarata nulla skond il-paragrafu 1 (b), (c) jew (d) jekk, qabel id-data ta' l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u wara l-użu magħmul minnha, hi akkwistat karattru distintiv. Kwalunkwe Stat Membru jista' addizzjonalment jistipula li din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll fejn il-karatteristika distintiva kienet akkwistata wara d-data ta' l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jew wara d-data tar-reġistrazzjoni.

4. Kwalunkwe Stat Membru jista' jistipula li, b'deroga mill-paragrafi 1, 2 u 3, ir-raġunijiet għal rifjut tar-reġistrazzjoni jew nullità, fis-seħħ f'dak l-Istat qabel id-data ta' dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiexgħall-konformità mad-Direttiva 89/104/KEE, għandhom japplikaw għal trade marks li għalihom saret applikazzjoni qabel dik id-data.

*Artikolu 4*

**Raġunijiet ulterjuri għar-rifjut jew nullità li jikkonċernaw konflitti ma' drittijiet preċedenti**

1. *Trade mark* m'għandhiex tiġi reġistrata jew, jekk reġistrata, għandha tkun suxxettibbli għal dikjarazzjoni ta' nullità:

(a) jekk tkun identika għal trade mark preċedenti, u l-merkanzija jew is-servizzi li għalihom it-trade mark hi applikata jew reġistrata jkunu identiċi għall-merkanzija jew servizzi li għalihom it-trade mark preċedenti hi protetta;

(b) jekk minħabba l-identità tagħha, jew similarità, għat-*trade mark* preċedenti u l-identità jew similarità tal-merkanzija jew is-servizzi koperti mit-trade marks, teżisti l-possibbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku; il-possibbiltà ta' konfużjoni tinkludi l-possibbiltà ta' assoċjazzjoni mat-trade mark preċedenti.

2. L-espressjoni “trade marks preċedenti” fis-sens tal-paragrafu 1 tfisser:

(a) trade marks tas-segwenti tipi b'data ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni li tkun preċedenti għad-data ta' applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark, tenut kont, fejn ikun il-każ, tal-prijoritajiet pretiżi fir-rigward ta' dawk it-trade marks;

(i) trade marks Komunitarji;

(ii) trade marks reġistrati fl-Istat Membru jew, fil-każ tal-Belġju, Lussemburgu jew l-Olanda, fl-Uffiċċju tal-Benelux għall-Proprjeta' Intellettwali;

(iii) trade marks reġistrati taħt arranġamenti internazzjonali li għandhom effett fl-Istat Membru;

(b) trade marks Komunitarji li fir-rigward tagħhom tiġi ġustifikament invokata l-preċedenza, skond ir-Regolament (KE) tal-Kunsill Nru 40/94 ta' l-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja ([1]), minn trade mark li hemm referenza għaliha fil-punt (a) (ii) u (iii), anke jekk din it-trade mark ta' l-aħħar ġiet ċeduta jew permessa li tiskadi;

(c) applikazzjoniet għat-trade marks li hemm referenza għalihom fil-punti (a) u (b), suġġett għar-reġistrazzjoni tagħhom;

(d) trade marks li, fid-data ta' l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark, jew, fejn ikun il-każ, tal-prijorità pretiża fir-rigward ta' l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark, huma magħrufa sew fi Stat Membru, fis-sens li fih il-kliem "magħrufa sew" huma użati fl-Artikolu 6 a tal-Konvenzjoni ta' Pariġi.

3. Addizzjonalment, *trade mark* m'għandhiex tiġi reġistrata jew, jekk reġistrata, għandha tkun suxxettibbli għal-dikjarazzjoni ta' nullità jekk hija tkun identika, jew simili, għal trade mark Komunitarja preċedenti fis-sens tal-paragrafu 2 u għandha tiġi, jew ġiet, reġistrata għal merkanzija jew servizzi li mhumiex simili għal dawk li għalihom it-trade mark Komunitarja preċedenti hi reġistrata, fejn it-trade mark Komunitarja preċedenti ikollha reputazzjoni fil-Komunità u fejn l-użu tat-trade mark ta' l-aħħar, mingħajr raġuni valida, tieħu vantaġġ żleali minn, jew tippreġudika, il-karattru distintiv jew ir-reputazzjoni tat-trade mark Komunitarja preċedenti.

4. Kwalunkwe Stat Membru jista', addizzjonalment, jistipula li trade mark m'għandhiex tiġi reġistrata jew li, jekk reġistrata, għandha tkun suxxettibbli għal-dikjarazzjoni ta' nullità jekk, u sa fejn:

(a) it-trade mark tkun identika, jew simili, għal trade mark nazzjonali preċedenti fis-sens tal-paragrafu 2 u għandha tiġi, jew ġiet, reġistrata għal merkanzija jew servizzi li mhumiex simili għal dawk li għalihom it-*trade mark* preċedenti hi reġistrata, fejn it-trade mark preċedenti ikollha reputazzjoni fl-Istat Membru konċernat u fejn l-użu tat-trade mark ta' l-aħħar, mingħajr raġuni valida tieħu vantaġġ żleali minn, jew tippreġudika, il-karattru distintiv jew ir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti.

(b) xi drittijiet għat-*trade mark* mhux reġistrata jew għal sinjal ieħor użat matul il-kummerċ ġew miksuba qabel id-data ta' l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-*trade mark* sussegwenti, jew id-data tal-prijorità pretiża għall-applikazzjoni tar-reġistrazzjoni tat-trade mark sussegwenti, u dik it-trade mark mhux reġistrata jew sinjal ieħor jagħtu lill-proprjetarju tagħhom id-dritt li jipprojbixxi l-użu tat-trade mark sussegwenti;

(c) l-użu tat-trade mark jista' jkun projbit permezz ta' dritt preċedenti divers mid-drittijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 2 u fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu u b'mod partikolari:

(i) xi dritt għal isem;

(ii) xi dritt għal immaġini personali:

(iii) xi dritt ta' l-awtur;

(iv) xi dritt ta' proprjetà industrijali;

(d) it-trade mark tkun identika, jew simili, għal trade mark preċedenti kollettiva li tagħti dritt li skada f'perijodu massimu ta' tliet snin qabel l-applikazzjoni preċedenti;

(e) it-trade mark tkun identika, jew simili, għal marka, ta' garanzija jew ċertifikazzjoni. preċedenti li tagħti dritt li skada f'perijodu qabel l-applikazzjoni li t-tul taż-żmien tiegħu ikun ffissat mill-Istat Membru;

(f) it-trade mark tkun identika, jew simili, għal trade mark preċedenti li ġiet reġistrata għal merkanzija jew servizzi simili jew identiċi u li tathom dritt li skada fuq nuqqas ta' tiġdid f'perijodu massimu ta' sentejn qabel l-applikazzjoni, sakemm il-proprjetarju tat-trade mark preċedenti ma tax il-kunsens tiegħu għar-reġistrazzjoni tal-marka sussegwenti jew ma użax it-trade mark tiegħu;

(g) it-trade mark tista' tiġi konfuża ma' marka li kienet użata barra l-pajjiż fil-jum ta' l-applikazzjoni u li għadha użata hemm, sakemm fid-data ta' l-applikazzjoni l-applikant kien qed jaġixxi *in mala fede*.

5. L-Istati Membri jistgħu jippermettu li, f'ċirkostanzi xierqa, ma jkunux meħtieġa r-rifjut tar-reġistrazzjoni jew id-dikjarazzjoni ta' nullità tat-*trade mark* fejn il-proprjetarju tat-trade mark preċedenti jew ta' dritt preċedenti ieħor jagħti l-kunsens tiegħu għar-reġistrazzjoni tat-trade mark sussegwenti.

6. Kwalunkwe Stat Membru jista' jistipula li, b'deroga mill-paragrafi 1 sa 5, ir-raġunijiet għal rifjut tar-reġistrazzjoni jew nullità, fis-seħħ f'dak l-Istat qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-konformità sabiexmad-Direttiva 89/104/KE, għandhom japplikaw għal trade marks li għalihom saret applikazzjoni qabel dik id-data.

*Artikolu 5*

**Drittijiet mogħtija minn trade mark**

1. It-*trade mark* reġistrata għandha tagħti lill-proprjetarju drittijiet esklussivi fuqha. Il-proprjetarju għandu jkollu d-dritt li jimpedixxi lit-terzi persuni kollha li ma jkollhomx il-kunsens tiegħu milli jużaw fl-eżerċizzju tal-kummerċ:

(a) kwalunkwe sinjal li jkun identiku għat-trade mark relattivament għall-merkanzija jew servizzi li huma identiċi għal dawk li għalihom it-trade mark tkun reġistrata;

([1]) ĠU L 11, 14.1.1994, p. 1.

(b) kwalunkwe sinjal fejn, minħabba l-identità, jew similarità, tiegħu għat-*trade mark* u l-identità jew similarità tal-merkanzija jew servizzi koperti mit-trade mark u s-sinjal, teżisti l-possibbiltà ta' konfużjoni min-naħa tal-pubbliku; il-possibbiltà ta' konfużjoni tinkludi l-possibbiltà ta' assoċjazzjoni bejn is-sinjal u t-trade mark.

2. Kwalunkwe Stat Membru jista' wkoll jistipula li l-proprjetarju għandu jkollu d-dritt li jimpedixxi lit-terzi persuni kollha li ma jkollhomx il-kunsens tiegħu milli jużaw fl-eżerċizzju tal-kummerċ kwalunkwe sinjal li jkun identiku, jew simili, għat-*trade mark* relattivament għall-merkanzija jew servizzi li ma jkunux simili għal dawk li għalihom it-trade mark tkun reġistrata, fejn ta' l-aħħar ikollha reputazzjoni fl-Istat Membru u fejn l-użu ta' dak is-sinjal mingħajr raġuni valida jieħu vantaġġ żleali minn, jew jippreġudika, il-karattru distintiv jew ir-reputazzjoni tat-trade mark.

3. Is-segwenti, *inter alia*, jistgħu jkunu projbiti taħt il-paragrafi 1 u 2:

(a) li jitwaħħal is-sinjal mal-merkanzija jew ma' l-imballaġġ ta' dan;

(b) li l-merkanzija tiġi offerta, jew li titqiegħed fis-suq jew li tinħażen għal dawn l-għanijiet taħt dak is-sinjal, jew li jiġu offerti jew provduti servizzi taħtu;

(c) l-importazzjoni jew esportazzjoni tal-merkanzija taħt is-sinjal;

(d) l-użu tas-sinjal fuq karti tal-kummerċ u fir-reklamar.

4. Fejn, taħt il-liġi ta' l-Istat Membru, l-użu ta' sinjal taħt il-kondizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1(b) jew fil-paragrafu 2 ma jistax jiġi projbit qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet meħtieġa sabiexgħall-konformità mad-Direttiva 89/104/KEE fl-Istat Membru konċernat, id-drittijiet mogħtija mit-trade mark ma jistgħux jiġu invokati sabiex jiġi impedit l-użu kontinwat tas-sinjal.

5. Il-paragrafi 1 sa 4 m'għandhomx jinċidu fuq id-dispożizzjonijiet fi kwalunkwe Stat Membru relattivament għall-protezzjoni kontra l-użu ta' sinjal ħlief milli sabiex issir distinzjoni tal-merkanzija jew servizzi, fejn l-użu ta' dak is-sinjal mingħajr raġuni valida jieħu vantaġġ żleali minn, jew jippreġudika, il-karattru distintiv jew ir-reputazzjoni tat-trade mark.

*Artikolu 6*

**Limitazzjoni ta' l-effetti ta' trade mark**

1. It-trade mark m'għandhiex tagħti d-dritt lill-proprjetarju li jipprojbixxi lil terza persuna milli tuża, fl-eżerċizzju tal-kummerċ:

(a) l-isem jew l-indirizz tiegħu stess;

(b) indikazzjonijiet relatati mat-tip, kwalità, kwantità, skop intiż, valur, oriġini ġeografika, iż-żmien tal-produzzjoni tal-merkanzija jew ta' l-għoti tas-servizz, jew xi karatteristika oħra ta' merkanzija jew servizzi;

(c) it-trade mark fejn din tkun meħtieġa sabiex tindika l-iskop intiż ta' prodott jew servizz, b'mod partikolari fir-rigward ta' aċċessorji jew spare parts,

sakemm jużahom skond prattika onesta f'materji industrijali jew kummerċjali.

2. It-trade mark m'għandhiex tagħti d-dritt lill-proprjetarju li jipprojbixxi lil terza persuna milli tuża fl-eżerċizzju tal-kummerċ, dritt preċedenti li japplika biss f'lokalità partikolari jekk dak id-dritt ikun rikonoxxut mil-liġijiet ta' l-Istat Membru in kwistjoni u fil-limiti tat-territorju li fih huwa jkun rikonoxxut.

*Artikolu 7*

**Eżawriment tad-drittijiet mogħtija minn trade mark**

1. It-trade mark m'għandhiex tagħti d-dritt lill-proprjetarju li jipprojbixxi l-użu tagħha relattivament għal merkanzija li tqiegħdet fis-suq fil-Komunità taħt dik it-trade mark mill-proprjetarju jew bil-kunsens tiegħu.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika fejn jeżistu raġunijiet leġittimi għall-proprjetarju sabiex jopponi aktar kummerċjalizzazzjoni tal-merkanzija, speċjalment fejn il-kondizzjoni tal-merkanzija tkun mibdula jew danneġġata wara li tqiegħdet fis-suq.

*Artikolu 8*

**Liċenzjar**

1. Tista' tingħata liċenzja fir-rigward ta' *trade mark* għal x'uħud mill-merkanzija jew servizzi jew għall-merkanzija jew servizzi kollha li għalihom hija ġiet reġistrata u għall-Istat Membru konċernat kollu jew għal parti minnu. Liċenzja tista' tkun esklużiva jew non esklużiva.

2. Il-proprjetarju ta' trade mark jista' jinvoka d-drittijiet mogħtija minn dik it-trade mark kontra liċenzjatarju li jikser kwalunkwe dispożizzjoni fil-kuntratt tal-liċenzja tiegħu dwar:

(a) it-tul ta' żmien tagħha;

(b) il-forma koperta mir-reġistrazzjoni li fiha tista' tintuża t-trade mark;

(c) il-firxa tal-merkanzija jew servizzi li għalihom ingħatat il-liċenzja;

(d) it-territorju fejn it-trade mark tista' titwaħħal; jew

(e) il-kwalità tal-merkanzija manifatturata jew tas-servizzi provduti mil-liċenzjatarju.

*Artikolu 9*

**Limitazzjoni konsegwenti għal tolleranza**

1. Fejn, fi Stat Membru, il-proprjetarju ta' trade mark preċedenti li għaliha hemm referenza fl-Artikolu 4(2) ittollera, għal perijodu ta' ħames snin suċċessivi, l-użu ta' trade mark sussegwenti reġistrata f'dak l-Istat Membru filwaqt li kien konxju ta' tali użu, huwa m'għandux ikollu aktar id-dritt, abbażi tat-trade mark preċedenti, li japplika għal dikjarazzjoni ta' nullità tat-trade mark sussegwenti jew li jopponi l-użu tat-trade mark sussegwenti fir-rigward tal-merkanzija jew servizzi li għalihom ġiet użata t-trade mark sussegwenti, sakemm l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark sussegwenti ma saritx *in mala fede*.

2. Kwalunkwe Stat Membru jista' jistipula li l-paragrafu 1 għandu japplika *mutatis mutandis* għall-proprjetarju ta' trade mark preċedenti li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 4(4)(a) jew ta' dritt ieħor preċedenti li hemm referenza għalih fl-Artikolu 4(4)(b) jew (c).

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, il-proprjetarju ta' trade mark sussegwenti reġistrata m'għandux ikollu d-dritt jopponi għall-użu tad-dritt preċedenti, anke jekk dak id-dritt ma jistax jiġi aktar invokat kontra t-trade mark sussegwenti.

*Artikolu 10*

**Użu ta' trade marks**

1. Jekk, f'perijodu ta' ħames snin wara d-data tat-tlestija tal-proċedura tar-reġistrazzjoni, il-proprjetarju ma wżax it-trade mark ġenwinament fl-Istat Membru relattivament għall-merkanzija jew is-servizzi li għalihom hija ġiet reġistrata, jew jekk tali użu ġie sospiż matul perijodu mhux interrott ta' ħames snin, it-trade mark għandha tkun suġġettibbli għas-sanzjonijiet previsti f'din id-Direttiva, sakemm m'hemmx raġunijiet tajba għan-nuqqas ta' użu.

Is-segwenti għandhom ukoll jikkostitwixxu użu fis-sens tal-ewwel subparagrafu:

(a) l-użu tat-trade mark f'forma li tkun differenti fir-rigward ta' elementi li ma jbiddlux il-karattru distintiv tal-marka fil-forma li fiha ġiet reġistrata;

(b) it-twaħħil tat-trade mark fuq merkanzija jew ma' l-imballaġġ tagħha, fl-Istat Membru konċernat, unikament għal finijiet ta' esportazzjoni.

2. L-użu tat-trade mark bil-kunsens tal-proprjetarju jew ta' kwalunkwe persuna li jkollha l-awtorità li tuża marka kollettiva jew marka ta' garanzija jew ċertifikazzjoni għandu jitqies bħala użu mill-proprjetarju.

3. Fir-rigward ta' trade marks reġistrati qabel id-data tad-dħul fis-seħħ fl-Istat Membru konċernat tad-dispożizzjonijiet meħtieġa għall-konformità mad-Direttiva 89/104/KEE:

(a) fejn dispożizzjoni fis-seħħ qabel dik id-data attribwixxiet sanzjonijiet għan-nuqqas ta' użu ta' *trade mark* matul perijodu mhux interrott, il-perijodu rilevanti ta' ħames snin imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandu jitqies bħala li beda japplika fl-istess waqt bħal kwalunkwe perijodu ta' nuqqas ta' użu li diġà jkun qiegħed jiddekorri f'dik id-data;

(b) fejn ma kien hemm l-ebda dispożizzjoni fis-seħħ qabel dik id-data, il-perijodi ta' ħames snin imsemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom jitqiesu bħala li bdew jiddekorru, l-aktar kmieni, minn dik id-data.

*Artikolu 11*

**Sanzjonijiet għan-nuqqas ta' użu ta' trade mark fi proċeduri legali jew amministrattivi**

1. *Trade mark* ma tistax tiġi dikjarata nulla għar-raġuni li hemm trade mark konfliġġenti preċedenti jekk ta' l-aħħar ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' użu stabbiliti fl-Artikolu 10(1) u (2), jew, skond il-każ, fl-Artikolu 10(3).

2. Kwalunkwe Stat Membru jista' jistipula li r-reġistrazzjoni ta' trade mark ma tistax tiġi rifjutata għar-raġuni li hemm trade mark konfliġġenti preċedenti jekk ta' l-aħħar ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' l-użu stabbiliti fl-Artikolu 10(1) u (2) jew fl-Artikolu 10(3), skond il-każ.

3. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 12, fejn issir kontro-talba għar-revokazzjoni, kwalunkwe Stat Membru jista' jistipula li *trade mark* ma tistax tiġi invokata b'suċċess fi proċeduri dwar vjolazzjoni jekk jiġi stabbilit bħala riżultat ta' eċċezzjoni li t-trade mark tista' tiġi revokata skond l-Artikolu 12(1).

4. Jekk it-trade mark preċedenti ġiet użata relattivament biss għal parti mill-merkanzija jew is-servizzi li għalihom hija ġiet reġistrata, għandha, sabiex jiġu applikati l-paragrafi 1, 2 u 3 titqies bħala li reġistrata relattivament biss għal dik il-parti tal-merkanzija jew servizzi.

*Artikolu 12*

**Raġunijiet għar-revokazzjoni**

1. Trade mark għandha tkun suġġettibbli għar-revokazzjoni jekk, f'perijodu kontinwu ta' ħames snin, ma tkunx ġiet użata ġenwinament fl-Istat Membru relattivament għall-merkanzija jew servizzi li għalihom hija ġiet reġistrata, u ma jkunx hemm raġunijiet validi għan-nuqqas ta' użu.

Iżda, l-ebda persuna ma tista' tinvoka d-dritt li titlob ir-revokazzjoni tad-drittijiet tal-proprjetarju fi trade mark fejn, matul l-intervall bejn l-iskadenza tal-perijodu ta' ħames snin u l-preżentata ta' l-applikazzjoni għar-revokazzjoni, inbeda jew tkompla mill-ġdid l-użu ġenwin tat-trade mark.

Il-bidu jew tkomplija mill-ġdid ta’ l-użu matul perijodu ta’ tliet xhur qabel l-preżentata ta’ l-applikazzjoni għar-revokazzjoni li beda l-aktar kmieni ma’ l-iskadenza tal-perijodu kontinwu ta’ ħames snin tan-nuqqas ta’ użu għandu jiġi injorat fejn isiru preparazzjonijiet għall-bidu jew tkomplija mill-ġdid biss wara li l-proprjetarju isir konxju li tista’ tiġi preżentata l-applikazzjoni għar-revokazzjoni.

2. Mingħajr preġudizzju għal paragrafu 1, it-*trade mark* tista’ tiġi suġġetta għar-revokazzjoni jekk, wara d-data li fiha ġiet reġistrata,

(a) b’konsegwenza ta’ atti jew inattività tal-proprjetarju, saret l-isem komuni fil-kummerċ għal prodott jew servizz li fir-rigward tagħhom hija ġiet reġistrata;

(b) b’konsegwenza ta’ l-użu li jagħmel minnha l-proprjetarju tagħha jew bil-kunsens tiegħu fir-rigward tal-merkanzija jew servizzi li għalihom hija ġiet reġistrata, hija tista’ tqarraq bil-pubbliku, partikolarment fir-rigward tan-natura, kwalità jew oriġini ġeografika ta’ dik il-merkanzija jew dawk is-servizzi.

*Artikolu 13*

**Raġunijiet għar-rifjut jew revokazzjoni jew nullità fir-rigward ta’ x’uħud biss mill-merkanzija jew servizzi**

Fejn xi raġunijiet għar-rifjut ta’ reġistrazzjoni jew għar-revokazzjoni jew nullità ta’ trade mark jeżistu fir-rigward biss ta’ x’uħud mill-merkanzija jew servizzi li għalihom saret l-applikazzjoni jew ir-reġistrazzjoni ta’ dik it-trade mark, ir-rifjut tar-reġistrazzjoni jew ir-revokazzjoni jew nullità għandhom ikopru biss dik l-merkanzija jew dawk is-servizzi.

*Artikolu 14*

**Stabbiliment a posteriori ta’ nullità jew revokazzjoni ta’ trade mark**

Fejn tiġi invokata l-preċedenza ta’ trade mark preċedenti li ġiet ċeduta jew li tħalliet tiskadi għal trade mark Komunitarja, in-nullità jew revokazzjoni tat-trade mark preċedenti tista’ tiġi stabbilita *a posteriori*.

*Artikolu 15*

**Dispożizzjonijiet speċjali dwar marki kollettivi, marki ta’ garanzija u marki ta’ ċertifikazzjoni**

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4, l-Istati Membri li l-liġijiet tagħhom jawtorizzaw ir-reġistrazzjoni ta’ marki kollettivi jew ta’ marki ta’ garanzija jew ċertifikazzjoni jistgħu jipprovdu li dawn il-marki m’għandhomx jiġu reġistrati, jew li għandhom jiġu revokati jew dikjarati nulli, għal raġunijiet addizzjonali għal dawk speċifikati fl-Artikoli 3 u 12 fejn hekk ikun meħtieġ mill-funzjoni ta’ dawk il-marki.

2. B’deroga mill-Artikolu 3(1)(c), l-Istati Membri jistgħu jistipulaw li s-sinjali jew indikazzjonijiet li jistgħu jservu, fil-kummerċ, sabiex jindikaw l-oriġini ġeografika tal-merkanzija jew servizzi jistgħu jikkostitwixxu marki kollettivi, ta’ garanzija jew ta’ ċertifikazzjoni. Tali marka ma għandhiex tagħti d-dritt lill-proprjetarju li jipprojbixxi lil terza persuna milli tuża fl-eżerċizzju tal-kummerċ sinjali jew indikazzjonijiet bħal dawn, sakemm huwa jużahom skond prattika onesta f’materji industrijali jew kummerċjali; b’mod partikolari, tali marka ma’ tistax tiġi invokata kontra terza persuna li jkollha d-dritt li tuża isem ġeografiku.

*Artikolu 16*

**Komunikazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tal-liġi nazzjonali adottati fil-qasam regolat minn din id-Direttiva.

*Artikolu 17*

**Tħassir**

Id-Direttiva 89/104/KEE, kif emendata mid-Deċiżjoni elenkata fil-Parti A ta’ l-Anness I hija b’dan imħassra, mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta’ l-Istati Membri relattivament għal-limitu ta’ żmien, indikat fl-Anness I, Parti B, għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali ta’ dik id-Direttiva.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta’ korrelazzjoni fl-Anness II.

*Artikolu 18*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f’*Il-Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 19*

**Indirizzati**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Strasburgu, 22 ta’ Ottubru 2008.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | J.-P. JOUYET |

*ANNESS I*

## PARTI A

### Direttiva mħassra flimkien ma' l-emendament tagħha

(Imsemmija fl-Artikolu 17)

| | |
|---|---|
| Direttiva tal-Kunsill 89/104/KEE | (ĠU L 40, 11.2.1989, p. 1) |
| Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/10/KEE | (ĠU L 6, 11.1.1992, p. 35) |

## PARTI B

### Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali

(Imsemmi fl-Artikolu 17)

| Direttiva | Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni |
|---|---|
| 89/104/KEE | fil-31 ta' Diċembru 1992. |

*ANNESS II*

**Tabella ta' Korrelazzjoni**

| Direttiva 89/104/KEE | Din id-Direttiva |
|---|---|
| Artikolu 1 | Artikolu 1 |
| Artikolu 2 | Artikolu 2 |
| Artikolu 3(1)(a) sa (d) | Artikolu 3(1)(a) sa (d) |
| Artikolu 3(1)(e) kliem introduttorju | Artikolu 3(1)(e) kliem introduttorju |
| Artikolu 3(1)(e) l-ewwel inċiż | Artikolu 3(1)(e)(i) |
| Artikolu 3(1)(e) it-tieni inċiż | Artikolu 3(1)(e)(ii) |
| Artikolu 3(1)(e) it-tielet inċiż | Artikolu 3(1)(e)(iii) |
| Artikolu 3(1)(f), (g) u (h) | Artikolu 3(1)(f), (g) u (h) |
| Artikolu 3(2), (3) u (4) | Artikolu 3(2), (3) u (4) |
| Artikolu 4 | Artikolu 4 |
| Artikolu 5 | Artikolu 5 |
| Artikolu 6 | Artikolu 6 |
| Artikolu 7 | Artikolu 7 |
| Artikolu 8 | Artikolu 8 |
| Artikolu 9 | Artikolu 9 |
| Artikolu 10(1) | Artikolu 10(1), l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 10(2) | Artikolu 10(1), it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 10(3) | Artikolu 10(2) |
| Artikolu 10(4) | Artikolu 10(3) |
| Artikolu 11 | Artikolu 11 |
| Artikolu 12(1) l-ewwel sentenza | Artikolu 12(1) l-ewwel subparagrafu |
| Artikolu 12(1) it-tieni sentenza | Artikolu 12(1) it-tieni subparagrafu |
| Artikolu 12(1) it-tielet sentenza | Artikolu 12(1) it-tielet subparagrafu |
| Artikolu 12(2) | Artikolu 12(2) |
| Artikolu 13 | Artikolu 13 |
| Artikolu 14 | Artikolu 14 |
| Artikolu 15 | Artikolu 15 |
| Artikolu 16(1) u (2) | — |
| Artikolu 16(3) | Artikolu 16 |
| — | Artikolu 17 |
| — | Artikolu 18 |
| Artikolu 17 | Artikolu 19 |
| — | Anness I |
| — | Anness II |

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI

## DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

**tad-29 ta' Ottubru 2008**

**dwar it-trattament ta' dokumenti ta' missjonijiet ċivili ta' maniġġar ta' kriżijiet u operazzjonijiet militari tal-UE**

(2008/836)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Billi:

(1) Safejn id-dokumenti tal-missjonijiet ċivili ta' maniġġar ta' kriżijiet u l-operazzjonijiet militari tal-Unjoni Ewropea mhumiex miżmuma minn istituzzjoni, dawn ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi Komunitarja rigward l-arkivji storiċi u l-aċċess pubbliku għad-dokumenti.

(2) Peress li dawn id-dokumenti huma relatati mal-oqsma ta' attività tal-Unjoni Ewropea, jaqbel li dawn id-dokumenti jiġu arkivjati mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ("SĠK"). Dawn id-dokumenti għandhom minn issa 'l quddiem jitqiesu bħala dokumenti miżmuma mill-Kunsill u għandhom jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 [1] dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni u r-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 354/83 [2] dwar il-ftuħ għall-pubbliku tal-arkivji storiċi tal-Komunità Ekonomika Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

IDDEĊIDEW KIF GEJ:

*Artikolu 1*

1. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u r-Regolament (KEE, Euratom) Nru 354/83, id-dokumenti dwar missjonijiet ċivili ta' maniġġar ta' kriżijiet u operazzjonijiet militari li ntemmu, li għadhom għaddejjin u futuri mwettqa taħt l-awspiċi tal-Kunsill għandhom, hekk kif jintemmu l-missjonijiet u l-operazzjonijiet, jiġu arkivjati mis-SĠK u minn issa 'l quddiem jitqiesu bħala dokumenti miżmuma mill-Kunsill.

2. Id-dokumenti msemmijin fil-paragrafu 1 m'għandhomx jinkludu d-dokumentazzjoni relatata ma' kwistjonijiet tal-personal, kuntratti ma' partijiet terzi u d-dokumentazzjoni relatata magħhom, jew dokumenti effimeri.

3. Is-SĠK għandu jiżgura li d-dokumenti kklassifikati mill-Istati Membri jew awtoritajiet oħrajn jiġu protetti skond ir-Regolamenti ta' Sigurtà tal-Kunsill addottati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE [3].

4. L-Istati Membri għandhom jassistu lis-SĠK biex jikseb kopji tad-dokumenti msemmijin fil-paragrafu 1.

5. Id-dokumenti msemmijin fil-paragrafu 1 għandhom jinżammu f'post speċifiku tal-Arkivji. Il-personal li jittratta dawn id-dokumenti għandu jirċievi taħriġ dwar id-dokumenti tal-Politika Ewropea ta' Sigurtà u Difiża u dwar l-ittrattar ta' informazzjoni kklassifikata f'dan il-kuntest.

---

(1) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.
(2) ĠU L 43, 15.2.1983, p. 1.
(3) ĠU L 101, 11.4.2001, p. 1.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fi Brussell, 29 ta' Ottubru 2008.

*Il-President*

P. SELLAL

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tad-29 ta’ Ottubru 2008**

**li tawtorizza t-tqegħid fis-suq ta’ prodotti li fihom, li jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn LLCotton25 (ACS-GHØØ1-3) modifikat ġenetikament skond ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6204)*

**(It-test bil-Ġermaniż biss huwa awtentiku)**

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/837/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikati ġenetikament ([1]), u b’mod partikolari l-Artikoli 7(3) u 19(3) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-3 ta’ Marzu 2005, Bayer CropScience AG ippreżentat lill-awtorità kompetenti tal-Olanda applikazzjoni, skond l-Artikoli 5 u 17 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, għat-tqegħid fis-suq ta’ ikel, ingredjenti tal-ikel, u għalf li fihom, li jikkonsistu minn jew huma prodotti minn LLCotton25 (“l-applikazzjoni”).

(2) L-applikazzjoni tkopri wkoll it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti oħra li fihom jew li jikkonsistu minn LLCotton25 għall-istess użi bħal kull qoton ieħor bl-eċċezzjoni tal-kultivazzjoni. Għaldaqstant, skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5(5) u 17(5) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, din tinkludi d-dejta u t-tagħrif meħtieġa mill-Annessi III u IV tad-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta’ organiżmi modifikati ġenetikament u li tirrevoka d-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE ([2]) u tagħrif u konklużjonijiet dwar il-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skond il-prinċipji stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 2001/18/KE.

(3) Fis-16 ta’ April 2007, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (“EFSA”) tat opinjoni favorevoli skond l-Artikoli 6 u 18 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 u kkonkludiet li mhuwiex probabbli li t-tqegħid fis-suq tal-prodotti li fihom, li jikkonsistu minn, jew huma prodotti minn LLCotton25 kif deskritt fl-applikazzjoni (“il-prodotti”) se jkollhom effetti ħżiena fuq is-saħħa tal-bniedem jew tal-annimal jew fuq l-ambjent fil-kuntest tal-użi intenzjonati tagħhom ([3]). Fl-opinjoni tagħha, l-EFSA qieset il-mistoqsijiet speċifiċi kollha u t-tħassib kollu li tressqu mill-Istati Membri fil-kuntest tal-konsultazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali kif stipulat fl-Artikoli 6(4) u 18(4) ta’ dan ir-Regolament.

(4) B’mod partikolari, l-EFSA kkonkludiet li l-analiżi komparattiva tal-kompożizzjoni u l-analiżi agronomika juru li LLCotttton25 huwa sostanzjalment ekwivalenti għal dak li jikkorrispondi miegħu li mhuwiex modifikat ġenetikament u, bħala konsegwenza, ma huma meħtieġa l-ebda studji addizzjonali dwar is-sigurtà b’annimali fil-laboratorji (per eżempju studju ta’ 90 jum dwar it-tossiċità fuq il-ġrieden).

(5) Fl-opinjoni tagħha, l-EFSA kkonkludiet ukoll li l-pjan ta’ monitoraġġ tal-ambjent, li jikkonsisti fi pjan ta’ monitoraġġ ġenerali, li kien ippreżentat mill-applikant huwa konformi mal-użu intenzjonat tal-prodotti. Iżda minħabba l-karatteristiċi fiżiċi taż-żrieragħ tal-qoton u l-metodi ta’ trasport, l-EFSA rrakkomandat li, fi ħdan sorveljanza ġenerali, ikunu introdotti miżuri speċifiċi biex jimmonitorjaw b’mod attiv il-frekwenza ta’ pjanti tal-qoton slavaġ f’żoni fejn aktarx iseħħ tixrid taż-żrieragħ.

(6) Il-pjan ta’ monitoraġġ ippreżentat mill-applikant kien modifikat biex ikun konformi ma’ din ir-rakkomandazzjoni tal-EFSA.

(7) Meta jitqiesu dawk il-konsiderazzjonijiet, l-awtorizzazzjoni għall-prodotti għandha tingħata.

([1]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 1.
([2]) ĠU L 106, 17.4.2001, p. 1.
([3]) http://www.efsa.europa.eu/EFSA/efsa_locale-1178620753816_1178620785856.htm

(8) Għandu jiġi assenjat identifikatur uniku għal kull OMĠ kif stipulat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 65/2004 tal-14 ta' Jannar 2004 li jistabbilixxi sistema għall-iżvilupp u l-assenjazzjoni ta' identifikaturi uniċi għal organiżmi modifikati ġenetikament ([1]).

(9) Fuq il-bażi tal-opinjoni tal-EFSA, l-ebda rekwiżiti tat-tqegħid tat-tikketti speċifiċi għajr dawk stipulati fl-Artikoli 13(1) u 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 ma jidhru meħtieġa għall-ikel, l-ingredjenti tal-ikel u l-għalf li fihom, li jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn LLCotton25. Madankollu, biex ikun żgurat l-użu tal-prodotti fil-limiti tal-awtorizzazzjoni stipulata minn din id-Deċiżjoni, it-tqegħid tat-tikketti ta' għalf li fih jew jikkonsisti mill-OMĠ u prodotti għajr ikel u għalf li fihom jew li jikkonsistu mill-OMĠ li għalih intalbet awtorizzazzjoni għandu jkun ikkumplimentat b'indikazzjoni ċara li l-prodotti meqjusa ma għandhomx jintużaw għall-kultivazzjoni.

(10) Bl-istess mod, l-opinjoni tal-EFSA ma tiġġustifikax l-impożizzjoni ta' kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet speċifiċi għat-tqegħid fis-suq u/jew kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet speċifiċi għall-użu u l-ġarr, inklużi r-rekwiżiti ta' monitoraġġ wara t-tqegħid fis-suq, u l-ebda kundizzjonijiet speċifiċi għall-ħarsien ta' ekosistemi/ambjent u/jew żoni ġeografiċi partikolari, kif stipulat fil-punt (e) tal-Artikoli 6(5) u 18(5) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

(11) It-tagħrif kollu rilevanti dwar l-awtorizzazzjoni tal-prodotti għandu jiddaħħal fir-reġistru Komunitarju tal-ikel u l-għalf modifikati ġenetikament, kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

(12) L-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar it-traċċabilità u t-tqegħid tat-tikketti ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċabilità ta' prodotti tal-ikel u tal-għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament u li jemenda d-Direttiva 2001/18/KE ([2]), jistipula rekwiżiti ta' tqegħid ta' tikketti għall-prodotti li jikkonsistu minn jew fihom OMĠ.

(13) Din id-deċiżjoni għandha tiġi notifikata permezz tal-Clearing House tal-Bijosigurtà lill-Partijiet fil-Protokoll ta' Cartagena dwar il-Bijosigurtà mal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, skond l-Artikoli 9(1) u 15(2)(c), tar-Regolament (KE) Nru 1946/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-movimenti transkonfinali ta' organiżmi modifikati ġenetikament ([3]).

([1]) ĠU L 10, 16.1.2004, p. 5.
([2]) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 24.
([3]) ĠU L 287, 5.11.2003, p. 1.

(14) Il-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali ma tax opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit mill-President tiegħu; il-Kummissjoni għalhekk ressqet proposta lill-Kunsill fit-30 ta' April 2008 skond l-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE ([4]), bil-Kunsill mitlub jaġixxi fi żmien tliet xhur.

(15) Madankollu, il-Kunsill ma aġixxiex fil-limiti taż-żmien mitluba; issa għandha tiġi adottata Deċiżjoni mill-Kummissjoni,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Organiżmu modifikat ġenetikament u identifikatur uniku**

Il-qoton modifikat ġenetikament (*Gossypium hirsutum*) LLCotton25, kif inhu speċifikat fil-punt (b) tal-Anness ma' din id-Deċiżjoni, hu assenjat l-identifikatur uniku ACS-GHØØ1-3, kif stipulat fir-Regolament (KE) Nru 65/2004.

*Artikolu 2*

**Awtorizzazzjoni**

Il-prodotti li ġejjin huma awtorizzati għall-finijiet tal-Artikoli 4(2) u 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, skond il-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni:

(a) ikel u ingredjenti tal-ikel li fihom, li jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn qoton ACS-GHØØ1-3;

(b) ikel li fih, li jikkonsisti minn, jew li hu prodott minn qoton ACS-GHØØ1-3;

(c) prodotti għajr ikel u għalf li fihom jew li jikkonsistu minn qoton ACS-GHØØ1-3 għall-istess użi bħal kwalunkwe qoton ieħor ħlief għal kultivazzjoni.

*Artikolu 3*

**Tqegħid tat-tikketti**

1. Għall-finijiet tar-rekwiżiti tat-tqegħid tat-tikketti stipulati fl-Artikoli 13(1) u 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003 u fl-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003, l-"isem tal-organiżmu" għandu jkun "qoton".

2. Il-kelmiet "mhux għal kultivazzjoni" għandhom jidhru fuq it-tikketta ta' u fid-dokumenti li jakkumpanjaw il-prodotti li fihom jew li jikkonsistu minn qoton ACS-GHØØ1-3 li jissemma fl-Artikolu 2(b) u (c).

([4]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

*Artikolu 4*

**Monitoraġġ għal effetti ambjentali**

1. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jiżgura li l-pjan ta’ monitoraġġ għal effetti ambjentali, kif stabbilit fil-punt (h) tal-Anness, jiddaħħal fis-seħħ u jiġi implimentat.

2. Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jibgħat lill-Kummissjoni rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-attivitajiet imfassla fil-pjan ta’ monitoraġġ.

*Artikolu 5*

**Reġistru Komunitarju**

It-tagħrif fl-Anness ma’ din id-Deċiżjoni għandu jiddaħħal fir-reġistru Komunitarju ta’ ikel u għalf modifikati ġenetikament, kif stipulat fl-Artikolu 28 tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003.

*Artikolu 6*

**Detentur tal-awtorizzazzjoni**

Id-detentur tal-awtorizzazzjoni għandu jkun Bayer CropScience AG.

*Artikolu 7*

**Validità**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika għal perjodu ta’ 10 snin mid-data tan-notifika tagħha.

*Artikolu 8*

**Destinatarju**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Bayer CropScience AG, Alfred-Nobel-Str. 50, D-40789 Monheim am Rhein, il-Ġermanja.

Magħmula fi Brussell, 29 ta’ Ottubru 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

(a) **L-applikant u d-detentur tal-Awtorizzazzjoni:**

Isem: Bayer CropScience AG

Indirizz: Alfred-Nobel-Strasse 50, D-40789 Monheim am Rhein – il-Ġermanja

(b) **Isem u speċifikazzjoni tal-prodotti:**

(1) Ikel u ingredjenti tal-ikel li fihom, li jikkonsistu minn, jew li huma prodotti minn qoton ACS-GHØØ1-3;

(2) Ikel li fih, li jikkonsisti minn, jew li hu prodott minn qoton ACS-GHØØ1-3;

(3) Prodotti għajr ikel u għalf li fihom jew li jikkonsistu minn qoton ACS-GHØØ1-3 għall-istess użi bħal kwalunkwe qoton ieħor ħlief għal kultivazzjoni.

Il-qoton ACS-GHØØ1-3 modifikat ġenetikament, kif deskritt fl-applikazzjoni, jesprimi l-proteina PAT li tagħti t-tolleranza lill-erbiċida tal-glufosinate-ammonium.

(ċ) **Tqegħid tat-tikketti:**

(1) Għall-finijiet tar-rekwiżiti tat-tqegħid tat-tikketti speċifiċi stipulati fl-Artikoli 13(1) u 25(2) tar-Regolament (KE) Nru 1829/2003, u fl-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 1830/2003, l-“isem tal-organiżmu” għandu jkun “qoton”.

(2) Il-kelmiet “mhux għal kultivazzjoni” għandhom jidhru fuq it-tikketta ta’ u fid-dokumenti li jakkumpanjaw il-prodotti li fihom jew li jikkonsistu minn qoton ACS-GHØØ1-3 li jissemmew fl-Artikolu 2(b) u (c) ta’ din id-Deċiżjoni.

(d) **Metodu għall-identifikazzjoni:**

— Metodu fil-ħin reali speċifiku għall-avveniment ibbażat fuq il-PCR għall-kwantifikazzjoni tal-qoton ACS-GHØØ1-3

— Ivvalidat fuq żrieragħ mil-laboratorju ta’ referenza Komunitarju stabbilit skond ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003, ippubblikat fuq http://gmo-crl.jrc.it/statusofdoss.htm

— Materjal ta’ Referenza: AOCS 0306-A u AOCS 0306-B aċċessibbli permezz ta’ American Oil Chemists Society fuq http://www.aocs.org/tech/crm/bayer_cotton.cfm

(e) **Identifikatur uniku:**

ACS-GHØØ1-3

(f) **Tagħrif mitlub skond l-Anness II tal-Protokoll ta’ Cartagena dwar il-Bijosigurtà mal-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika:**

Clearing House tal-Bijosikurezza, Rekord ID: ara [*għandu jitlesta meta notifikat*]

(g) **Kundizzjonijiet jew restrizzjonijiet rigward it-tqegħid fis-suq, l-użu jew il-ġarr tal-prodotti:**

Mhux meħtieġa.

(h) **Pjan ta’ monitoraġġ:**

Il-pjan ta’ monitoraġġ għall-effetti ambjentali li jikkonforma mal-Anness VII tad-Direttiva 2001/18/KE

[Ħolqa: *pjan ippubblikat fuq l-Internet*]

(i) **Rekwiżiti ta’ monitoraġġ wara t-tqegħid fis-suq għall-użu tal-ikel għall-konsum mill-bniedem:**

Mhux meħtieġa.

*Nota*: il-ħolqiet għal dokumenti rilevanti jista’ jkollhom bżonn jiġu emendati minn żmien għall-ieħor. Dawn il-modifiki se jkunu disponibbli għall-pubbliku permezz tal-aġġornament tar-reġistru Komunitarju tal-ikel u l-għalf modifikati ġenetikament.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-3 ta' Novembru 2008

## dwar it-tilqim preventiv kontra l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fil-papri mallard fil-Portugall u ċerti miżuri li jirrestrinġu l-movimenti ta' dawn it-tjur u tal-prodotti tagħhom

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 6348)*

**(It-test bil-Portugiż biss huwa awtentiku)**

(2008/838/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza avjarja u li tirrevoka d-Direttiva 92/40/KEE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 57(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2005/94/KE tistipula ċerti miżuri preventivi marbuta mas-sorveljanza u s-sejba bikrija tal-influwenza avjarja u li jżidu l-livell ta' għarfien tal-awtoritajiet kompetenti u tal-komunità agrikola u l-preparazzjoni għar-riskji ta' dik il-marda.

(2) Sa minn Settembru 2007, seħħu tifqigħat tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa f'ċerti rziezet għat-tjur fil-punent ċentrali tal-Portugall, b'mod partikolari f'irziezet tat-tjur maħsuba għall-popolament mill-ġdid tal-provvisti tat-tjur tal-kaċċa.

(3) Il-Portugall ħa miżuri skont id-Direttiva 2005/94/KE biex jikkontrolla t-tixrid ta' din il-marda.

(4) Stima ta' riskju li twettqet mill-Portugall identifikat li l-irziezet li jżommu l-papri mallard (*Anas platyrhynchos*) maħsuba għall-popolament mill-ġdid tal-provvisti tat-tjur tal-kaċċa ("papri mallard") jistgħu jkunu ta' theddida sinifikanti u immedjata għat-tixrid tal-influwenza avjarja fil-Portugall jew fi Stati Membri oħra. Il-Portugall għalhekk iddeċieda li jintroduċi tilqim ta' emerġenza biex irażżan it-tifqigħa.

(5) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/285/KE [2] approvat il-pjan ta' tilqim ta' emerġenza mressaq mill-Portugall. Din id-Deċiżjoni stipulat ukoll ċerti miżuri li għandhom jiġu applikati f'razzett fejn jinżammu papri mallard imlaqqma u f'irziezet tat-tjur mhux imlaqqma, inklużi restrizzjonijiet ta' moviment fuq papri mallard imlaqqma, il-bajd tagħhom tat-tfaqqis u papri mallard li jfaqqsu minn bajd bħal dan skont il-pjan ta' tilqim approvat.

(6) L-implimentazzjoni tal-pjan ta' tilqim ta' emerġenza applikat mill-Portugall tlestiet sal-31 ta' Lulju 2008.

(7) Skont l-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 2008/285/KE, il-Portugall ressaq rapport dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' tilqim ta' emerġenza u rrapporta lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali.

(8) Fuq il-bażi tat-tagħrif mogħti mill-Portugall, jidher li t-tifqigħa trażżnet b'suċċess.

(9) Fuq bażi ta' stima oħra ta' riskju, il-Portugall iqis li fir-razzett il-papri mallard tat-trobbija ta' valur għoli għadhom esposti għar-riskju potenzjali ta' infezzjoni tal-influwenza avjarja, b'mod partikolari permezz ta' kuntatt indirett possibbli mal-għasafar selvaġġi. Il-Portugall għalhekk iddeċieda li jkompli bit-tilqim kontra l-influwenza avjarja bħala miżura fit-tul permezz tal-implimentazzjoni ta' pjan ta' tilqim preventiv fir-razzett li jinsab f'riskju fir-reġun ta' Lisboa e Vale do Tejo, Ribatejo Norte, Vila Nova da Barquinha li fih jinsabu papri mallard bħal dawn.

(10) Il-Portugall b'ittra bid-data tal-10 ta' Settembru 2008, ressaq pjan ta' tilqim preventiv lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni.

(11) Skont dan il-pjan ta' tilqim preventiv, il-Portugall bihsiebu jintroduċi tilqim preventiv li għandu jiġi applikat sal-31 ta' Lulju 2009.

(12) Fl-opinjonijiet xjentifiċi tiegħu dwar l-użu tat-tilqim għall-kontroll tal-influwenza avjarja maħruġa mill-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà Alimentari fl-2005 [3], l-2007 [4] u l-2008 [5], il-Bord tas-Saħħa u l-Benessri tal-Annimali stqarr li t-tilqim ta' emerġenza u prevenzjoni kontra l-influwenza avjarja huwa għodda siewja biex tikkomplementa l-miżuri ta' kontroll għal din il-marda.

---

[1] ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.

[2] ĠU L 92, 3.4.2008, p. 37.

[3] Il-Ġurnal tal-EFSA (2005) 266, 1-21; Scientific Opinion on Animal health and welfare aspects of avian influenza.

[4] Il-Ġurnal tal-EFSA (2007) 489, Scientific Opinion on Vaccination against avian influenza of H5 and H7 subtypes in domestic poultry and captive birds.

[5] Il-Ġurnal tal-EFSA (2008) 715, 1-161, Scientific Opinion on Animal health and welfare aspects of avian influenza and the risks of its introduction into the EU poultry holdings.

(13) Flimkien ma' dan, il-Kummissjoni eżaminat il-pjan ta' tilqim preventiv imressaq mill-Portugall, u hija sodisfatta li dan jikkonforma mal-leġiżlazzjoni Komunitarja rilevanti. Fid-dawl tal-qagħda epidemjoloġika fir-rigward tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fil-Portugall, it-tip ta' razzett fejn għandha tingħata t-tilqima u l-ambitu limitat tal-pjan ta' tilqim, huwa xieraq li l-pjan ta' tilqim preventiv jiġi approvat. L-implimentazzjoni ta' dan il-pjan preventiv ta' tilqim għandha tipprovdi aktar esperjenza prattika u għarfien dwar l-effikaċja tat-tilqim fil-papri mallard.

(14) Għall-għanijiet tal-pjan ta' tilqim preventiv li jrid jitwettaq mill-Portugall vaċċini awtorizzati biss skont id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità relatat mal-prodotti mediċinali veterinarji ([1]) jew ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u dak veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini ([2]) għandhom jintużaw.

(15) Barra minn hekk, għandu jkun hemm sorveljanza u ttestjar tal-laboratorju fir-razzett li jżomm il-papri mallard imlaqqma u fl-irziezet tat-tjur mhux imlaqqma, kif stabbilit fil-pjan ta' tilqim preventiv.

(16) Huwa xieraq ukoll li jiġu introdotti ċerti restrizzjonijiet fuq il-moviment tal-papri mallard imlaqqma, il-bajd għat-tfaqqis tagħhom u l-papri mallard li joħorġu minn tjur imlaqqam skont il-pjan preventiv ta' tilqim. Minħabba numru żgħir ta' papri mallard preżenti fir-razzett fejn se jseħħ it-tilqim preventiv, kif ukoll minħabba raġunijiet ta' traċċabbiltà u loġistika, għasafar imlaqqma ma għandhomx jitneħħew minn dan ir-razzett.

(17) Fir-rigward tal-kummerċ fit-tjur maħsub għall-popolament mill-ġdid tal-provvisti tat-tjur tal-kaċċa, il-Portugall ħa miżuri addizzjonali skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/605/KE tas-6 ta' Settembru 2006 dwar ċerti miżuri ta' ħarsien fir-rigward ta' kummerċ intra-Komunitarju tat-tjur maħsub għall-popolament mill-ġdid tal-provvista ta' annimali tal-kaċċa ([3]).

(18) Sabiex jitnaqqas l-impatt ekonomiku fuq ir-razzett ikkonċernat għandhom jiġu stipulati ċerti derogi minn restrizzjonijiet ta' moviment għal papri mallard li joħorġu minn papri mallard imlaqqma, minħabba li movimenti bħal dawn ma huma ta' ebda riskju speċifiku għat-tixrid tal-marda, sakemm titwettaq sorveljanza uffiċjali u b'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għas-saħħa tal-annimali għal kummerċ intra-Komunitarju.

([1]) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.
([3]) ĠU L 246, 8.9.2006, p. 12.

(19) Il-pjan ta' tilqim preventiv għandu jiġi approvat biex ikun jista' jiġi implimentat sal-31 ta' Lulju 2009.

(20) Id-Deċiżjoni 2008/285/KE għandha titħassar billi mhijiex se tibqa' tintuża wara l-31 ta' Lulju 2008.

(21) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Is-suġġett u l-ambitu**

1. Din id-Deċiżjoni tistipula ċerti miżuri li se jiġu applikati fil-Portugall fejn jitwettaq tilqim preventiv ta' papri mallard (*Anas platyrhynchos*) maħsuba għall-popolament mill-ġdid tal-provvisti tat-tjur tal-kaċċa ("papri mallard") f'razzett, li jinsab espost għar-riskju tal-influwenza avjarja. Dawn il-miżuri jinkludu ċerti restrizzjonijiet dwar il-moviment ġewwa l-Portugall u l-bgħit mill-Portugall tal-papri mallard imlaqqma, il-bajd għat-tfaqqis tagħhom u papri mallard li joħorġu minnhom.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika bla ħsara għall-miżuri ta' ħarsien li se jittieħdu mill-Portugall skont id-Direttiva 2005/94/KE u d-Deċiżjoni 2006/605/KE.

*Artikolu 2*

**Approvazzjoni tal-pjan ta' tilqim preventiv**

1. Il-pjan għal tilqim preventiv kontra l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fil-Portugall, kif imressaq mill-Portugall lill-Kummissjoni fl-10 ta' Settembru 2008, li se jiġi implimentat f'razzett fir-reġjun ta' Lisboa e Vale do Tejo, Ribatejo Norte, Vila Nova da Barquinha sal-31 ta' Lulju 2009 ("il-pjan ta' tilqim preventiv") huwa approvat.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-pjan għat-tilqim preventiv.

*Artikolu 3*

**Kondizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-pjan tat-tilqim preventiv**

1. Il-Portugall għandu jiżgura li l-papri mallard huma mlaqqma skont il-pjan ta' tilqim preventiv b'vaċċin eterologu bivalenti inattivat li fih kemm is-sottotip H5 kif ukoll is-sottotip H7 tal-influwenza avjarja awtorizzati minn dan l-Istat Membru skont id-Direttiva 2001/82/KE jew ir-Regolament (KE) Nru 726/2004.

2. Il-Portugall għandu jiżgura li jkun hemm sorveljanza u ttestjar tal-laboratorju fir-razzett li jżomm il-papri mallard imlaqqma u fl-irziezet tat-tjur mhux imlaqqma, kif stabbilit fil-pjan ta' tilqim preventiv.

3. Il-Portugall għandu jiżgura li l-pjan ta' tilqim preventiv jiġi implimentat b'mod effiċjenti.

*Artikolu 4*

**Immarkar u restrizzjonijiet fuq il-moviment, it-tqassim u r-rimi ta' papri mallard imlaqqma**

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li papri mallard imlaqqma miżmuma fir-razzett imsemmi fl-Artikolu 2(1):

(a) huma mmarkati individwalment;

(b) ma jitmexxewx f'irziezet oħra tat-tjur fil-Portugall jew jintbagħtu fi Stati Membri oħrajn.

Wara l-perjodu ta' riproduzzjoni tagħhom, dawn il-papri għandhom jinqatlu b'mod uman fir-razzett imsemmi fl-Artikolu 2(1) u l-karkassa tagħhom għandha tintrema b'mod sikur.

*Artikolu 5*

**Restrizzjonijiet fuq il-moviment u t-tqassim ta' bajd ta' tfaqqis li joriġinaw mir-razzett imsemmi fl-Artikolu 2(1)**

L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li bajd tat-tfaqqis li joriġina minn papri mallard fir-razzett imsemmi fl-Artikolu 2(1) jista' jittieħed biss f'mafqas fil-Portugall u mhux jintbagħat fi Stati Membri oħrajn.

*Artikolu 6*

**Restrizzjonijiet fuq il-moviment u t-tqassim ta' papri mallard li joħorġu minn papri mallard imlaqqma**

1. L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li papri mallard li joħorġu minn papri mallard imlaqqma jistgħu jitmexxew biss wara t-tfaqqis għal razzett li jinsab fiż-żona tal-madwar stabbilita fil-Portugall fir-rigward tar-razzett imsemmi fl-Artikolu 2(1), kif stipulat fil-pjan ta' tilqim preventiv.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 u sakemm il-papri mallard maħruġa minn papri mallard imlaqqma għandhom aktar minn erba' xhur, dawn jistgħu:

(a) jinħelsu f'ambjent selvaġġ fil-Portugall, jew

(b) jintbagħtu fi Stati Membri oħrajn sakemm:

(i) ir-riżultati tat-testijiet ta' sorveljanza u tal-laboratorju kif stipulat fil-pjan ta' tilqim preventiv, huma favorevoli; kif ukoll

(ii) il-kundizzjonijiet għat-tqassim tat-tjur għall-popolament mill-ġdid tal-provvisti tat-tjur tal-kaċċa stipulati fid-Deċiżjoni 2006/605/KE huma sodisfatti.

*Artikolu 7*

**Ċertifikazzjoni tas-saħħa għal kummerċ intra-Komunitarju ta' papri mallard ġejjin minn papri mallard imlaqqma**

Il-Portugall għandu jiżgura li ċ-ċertifikati tas-saħħa għal kummerċ intra-Komunitarju ta' tjur maħsuba għall-popolament mill-ġdid tal-provvisti tat-tjur tal-kaċċa msemmija fl-Artikolu 6(2)(b) jinkludu s-sentenza li ġejja:

"Il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimal ta' din il-kunsinna huma konformi mad-Deċiżjoni 2008/838/KE (*).

(*) ĠU L 299, 8.11.2008, p. 40."

*Artikolu 8*

**Rapporti**

Il-Portugall għandu jibgħat rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' tilqim preventiv fi żmien xahar mid-data tal-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u jressaq rapport kull tliet xhur lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali minn hemm 'il quddiem.

*Artikolu 9*

**Revoki**

Id-Deċiżjoni 2008/285/KE għandha titħassar.

*Artikolu 10*

**Applikabilità**

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Lulju 2009.

*Artikolu 11*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Portugiża.

Magħmula fi Brussell, 3 ta' Novembru 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

III

*(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2008/839/ĠAI

**ta' l-24 ta' Ottubru 2008**

**dwar il-migrazzjoni mis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 30 (1)(a) u (b), 31 (1)(a) u (b) u 34(2)(c) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), stabbilita skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Konvenzjoni tad-19 ta' Ġunju 1990 li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar l-abolizzjoni gradwali tal-kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom [2] (il-Konvenzjoni ta' Schengen), u l-iżvilupp sussegwenti tagħha, is-SIS 1+, jikkostitwixxu għodda essenzjali għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen, kif dawn ġew integrati fil-qafas tal-Unjoni Ewropea.

(2) L-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II) ġie fdat lill-Kummissjoni skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2424/2001 [3] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/886/ĠAI [4]. Dawk l-istrumenti jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2008. Din id-Deċiżjoni għandha għalhekk tissupplimentahom sa data li għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill li jaġixxi skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI tat-12 ta' Ġunju 2007 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni Ġenerazzjoni (SIS II) [5].

(3) Is-SIS II ġiet stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tas-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen tat-tieni Ġenerazzjoni (SIS II) [6] u bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/533/ĠAI. Din id-Deċiżjoni għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dawk l-atti.

(4) Ċerti testijiet tas-SIS II huma previsti fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 189/2008 [7] u fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/173/KE [8].

(5) L-iżvilupp tas-SIS II għandu jitkompla u għandu jiġi ffinalizzat fil-qafas tal-iskeda globali tas-SIS II approvata mill-Kunsill fis-6 ta' Ġunju 2008.

(6) Għandu jitwettaq test komprensiv tas-SIS II b'kooperazzjoni sħiħa bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni. Malajr kemm jista' jkun wara li jkun tlesta, it-test għandu jiġi vvalidat kif previst fir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI.

(7) L-Istati Membri għandhom iwettqu test dwar l-iskambju ta' informazzjoni supplementari.

(1) L-Opinjoni tal-24 ta' Settembru 2008, għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.
(2) ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19.
(3) ĠU L 328, 13.12.2001, p. 4.
(4) ĠU L 328, 13.12.2001, p. 1.
(5) ĠU L 205, 7.8.2007, p. 63.
(6) ĠU L 381, 28.12.2006, p. 4.
(7) ĠU L 57, 1.3.2008, p. 1.
(8) ĠU L 57, 1.3.2008, p. 14.

(8) Fir-rigward tas-SIS 1+, il-Konvenzjoni ta' Schengen tipprevedi funzjoni ta' appoġġ tekniku (C.SIS). Fir-rigward tas-SIS II, ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006 u d-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI jipprevedu SIS II Ċentrali magħmula minn funzjoni ta' appoġġ tekniku u minn interfaċċja nazzjonali uniformi (NI-SIS). Il-funzjoni ta' appoġġ tekniku tas-SIS II Ċentrali għandha tkun ibbażata fi Strasburgu (Franza) u l-unità ta' riżerva f'St. Johann im Pongau (l-Awstrija).

(9) Sabiex jiġu ġestiti aħjar id-diffikultajiet potenzjali li jinħolqu bil-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II, għandha tiġi stabbilita u ttestjata arkitettura interim għall-migrazzjoni għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. L-arkitettura interim għall-migrazzjoni m'għandu jkollha l-ebda impatt fuq id-disponibbiltà operattiva tas-SIS 1+. Konvertitur għandu jkun ipprovdut mill-Kummissjoni.

(10) L-Istat Membru li joħroġ allert għandu jkun responsabbli sabiex jiżgura li d-*data* li tiddaħħal fis-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tkun preċiża, aġġornata u legali.

(11) Il-Kummissjoni għandha tibqa' responsabbli għas-SIS II Ċentrali u għall-infrastruttura tal-komunikazzjoni tagħha. Din ir-responsabbiltà tinkludi l-manutenzjoni u l-kontinwazzjoni tal-iżvilupp tas-SIS II u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tagħha, inkluż f'kull ħin il-korrezzjoni tal-iżbalji. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-koordinazzjoni u l-appoġġ għall-attivitajiet konġunti. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi, b'mod partikolari, l-appoġġ tekniku u operattiv meħtieġ għall-Istati Membri fil-livell tas-SIS II Ċentrali inkluż id-disponibbiltà ta' helpdesk.

(12) L-Istati Membri huma u għandhom jibqgħu responsabbli għall-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-sistemi nazzjonali tagħhom (N.SIS II).

(13) Franza għandha tibqa' responsabbli għall-funzjoni ta' appoġġ tekniku tas-SIS 1+, kif inhu previst espressament fil-Konvenzjoni ta' Schengen.

(14) Ir-rappreżentanti tal-Istati Membri li jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom jikkoordinaw l-azzjonijiet tagħhom fil-qafas tal-Kunsill. Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit qafas għal dik l-azzjoni organizzattiva.

(15) Il-Kummissjoni għandu jkollha l-poter li tikkuntratta lil partijiet terzi, inklużi korpi pubbliċi nazzjonali, il-kompiti li jiġu mogħtija lilha permezz ta' dan ir-Regolament u l-kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1].

Tali kuntratti għandhom jirrispettaw ir-regoli tal-protezzjoni tad-*data* u s-sigurtà tad-*data* u jieħdu f'konsiderazzjoni r-rwol tal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data* rilevanti applikabbli għas-SIS, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen u ta' din id-Deċiżjoni.

(16) Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-*data* [2] japplika għall-ipproċessar tad-*data* personali mill-Kummissjoni.

(17) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*, maħtur skond id-Deċiżjoni 2004/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2003 li taħtar il-korp indipendenti ta' superviżjoni previst fl-Artikolu 286 tat-Trattat KE [3], huwa kompetenti li jissorvelja l-attivitajiet tal-istituzzjonijiet u l-korpi Komunitarji fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali. Il-Konvenzjoni ta' Schengen fiha dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-protezzjoni u s-sigurtà tad-*data* personali. L-Artikolu 118 tal-Konvenzjoni ta' Schengen fih dispożizzjonijiet speċifiċi dwar is-sigurtà tad-*data* personali.

(18) Billi l-għanijiet li tiġi stabbilita arkitettura interim għall-migrazzjoni u l-migrazzjoni tad-*data* mis-SIS 1+ għas-SIS II, ma jkunux jistgħu jintlaħqu sew mill-Istati Membri u, għaldaqstant jistgħu minħabba fl-iskala tad-daqs jew fl-effetti tal-azzjoni, jiġu milħuqa aħjar fil-livell Komunitarju, huwa meqjus li l-adozzjoni tal-miżura preżenti hija f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u msemmi fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skond il-prinċipju tal-proporzjonalità, din id-Deċiżjoni ma teċċedix dak li hu neċessarju biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

(19) Din id-Deċiżjoni tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(20) Il-Konvenzjoni ta' Schengen għandha tiġi emendata sabiex tippermetti l-integrazzjoni tas-SIS 1+ fl-arkitettura interim għall-migrazzjoni.

(21) Ir-Renju Unit qiegħed jieħu sehem f'din id-Deċiżjoni, skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u l-Artikolu 8(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen [4].

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

[3] ĠU L 12, 17.1.2004, p. 47.

[4] ĠU L 131, 1.6.2000, p. 43.

(22) L-Irlanda qiegħda tieħu sehem f'din id-Deċiżjoni skond l-Artikolu 5 tal-Protokoll li jintegra l-*acquis* ta' Schengen fil-qafas tal-Unjoni Ewropea anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li Jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u l-Artikolu 6(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen ([1]).

(23) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti dwar il-parteċipazzjoni parzjali tar-Renju Unit u tal-Irlanda fl-*acquis* ta' Schengen, kif determinati mid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2000/365/KE u 2002/192/KE rispettivament.

(24) Fir-rigward tal-Islanda u n-Norveġja, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp fid-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawk iż-żewġ Stati fl-implimentazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([2]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt G tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE ([3]) dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni ta' dak il-Ftehim.

(25) Fir-rigward tal-Isvizzera, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-implimentazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen ([4]), li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt G tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/149/ĠAI ([5]) dwar il-konklużjoni ta' dak il-Ftehim f'isem l-Unjoni Ewropea.

(26) Fir-rigward ta' Liechtenstein, din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll iffirmat bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat ta' Liechtenstein għall-Ftehim konkluż bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera fl-implimentazzjoni, fl-applikazzjoni u fl-iżvilupp tal-*acquis* ta' Schengen, li jaqgħu fil-qasam imsemmi fl-Artikolu 1, il-punt G tad-Deċiżjoni 1999/437/KE li jinqara flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/262/KE tat-28 ta' Frar 2008 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u dwar l-applikazzjoni proviżorja ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Svizzera u l-Prinċipat ta' Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen ([6]),

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Għan ġenerali**

1. Is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS 1+) stabbilita skond id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Konvenzjoni ta' Schengen, għandha tiġi sostitwita b'sistema ġdida, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen II (SIS II), li l-istabbiliment, it-tħaddim u l-użu tagħha huma rregolati bid-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI.

2. Skond il-proċeduri u t-tqassim tal-kompiti stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, is-SIS II għandha tiġi żviluppata mill-Kummissjoni u l-Istati Membri bħala sistema integrata unika u għandha titħejja għat-tħaddim.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "SIS II Ċentrali" tfisser il-funzjoni ta' appoġġ tekniku tas-SIS II li fiha bażi tad-*data*, il-"bażi tad-*data* tas-SIS II", u interfaċċja nazzjonali uniformi (NI-SIS);

(b) "C.SIS" tfisser il-funzjoni ta' appoġġ tekniku tas-SIS 1+, li fiha l-bażi tad-*data* ta' referenza għas-SIS 1+ u l-interfaċċja nazzjonali uniformi (N.COM);

(c) "N.SIS" tfisser is-sistema nazzjonali tas-SIS 1+, li tikkonsisti fis-sistemi ta' *data* nazzjonali li jikkomunikaw mas-C.SIS;

(d) "N.SIS II" tfisser is-sistema nazzjonali tas-SIS II, li tikkonsisti fis-sistemi ta' *data* nazzjonali li jikkomunikaw mas-SIS II Ċentrali;

(e) "konvertitur" tfisser għodda teknika li tippermetti komunikazzjoni konsistenti u affidabbli bejn is-C.SIS u s-SIS II Ċentrali, li tiżgura l-funzjonalitajiet previsti fl-Artikolu 10(3);

(f) "test komprensiv" tfisser it-test imsemmi fl-Artikolu 71(3)(c) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI;

(g) "test dwar informazzjoni supplimentari" tfisser testijiet funzjonali bejn l-Uffiċċji SIRENE.

*Artikolu 3*

**Suġġett u kamp ta' applikazzjoni**

Din id-Deċiżjoni tiddefinixxi l-kompiti u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ fir-rigward tal-kompiti li ġejjin:

([1]) ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.
([2]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 36.
([3]) ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31.
([4]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.
([5]) ĠU L 53, 27.2.2008, p. 50.
([6]) ĠU L 83, 26.3.2008, p. 5.

(a) il-manutenzjoni u l-kontinwazzjoni tal-iżvilupp tas-SIS II;

(b) test komprensiv tas-SIS II;

(ċ) test dwar informazzjoni supplimentari;

(d) il-kontinwazzjoni tal-iżvilupp u l-ittestjar ta' konvertitur;

(e) l-istabbiliment u l-ittestjar ta' arkitettura ta' migrazzjoni proviżorja;

(f) il-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II.

*Artikolu 4*

**Komponenti tekniċi tal-arkitettura għall-migrazzjoni**

Sabiex tiġi żgurata l-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II, huma meħtieġa l-komponenti li ġejjin:

(a) is-C.SIS u l-konnessjoni mal-konvertitur;

(b) l-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS 1+ li tippermetti lis-C.SIS tikkomunika mal-N.SIS;

(c) l-N.SIS II;

(d) is-SIS II Ċentrali, l-NI-SIS u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS II li tippermetti lis-SIS II Ċentrali tikkomunika mal-N.SIS II u l-konvertitur;

(e) l-N.SIS II;

(f) il-konvertitur.

*Artikolu 5*

**Responsabbiltajiet prinċipali fl-iżvilupp tas-SIS II**

1. Il-Kummissjoni għandha tkompli tiżviluppa s-SIS II Ċentrali, l-infrastruttura tal-komunikazzjoni u l-konvertitur.

2. Franza għandha tagħmel disponibbli u topera s-C.SIS f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

3. L-Istati Membri għandhom ikomplu jiżviluppaw l-N-SIS II.

4. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom iżommu l-N.SIS f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

5. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom jagħmlu disponibbli u joperaw l-infrastruttura tal-komunikazzjoni għas-SIS 1+.

6. Il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-attivitajiet u tipprovdi l-appoġġ meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-kompiti u r-responsabbiltajiet imsemmijin fil-paragrafi 1 sa 3.

*Artikolu 6*

**Kontinwazzjoni tal-iżvilupp**

Il-miżuri meħtieġa biex jitkompla l-iżvilupp tas-SIS II kif imsemmi fl-Artikolu 5(1), b'mod partikolari l-miżuri meħtieġa għall-korrezzjoni tal-iżbalji, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura definita fl-Artikolu 17(2).

Il-miżuri meħtieġa biex jitkompla l-iżvilupp tas-SIS II kif imsemmi fl-Artikolu 5(3), safejn jikkonċerna l-interfaċċja nazzjonali uniformi filwaqt li tkun żgurata l-kompatibbiltà tal-N.SIS II mas-SIS II Ċentrali, għandhom jiġu adottati skond il-proċedura definita fl-Artikolu 17(2).

*Artikolu 7*

**Attivitajiet prinċipali**

1. Il-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom iwettqu test komprensiv.

2. Għandha tiġi stabbilita arkitettura interim għall-migrazzjoni tas-SIS u għandu jitwettaq test ta' dik l-arkitettura mill-Kummissjoni u l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+.

3. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom iwettqu l-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II.

4. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom iwettqu test dwar l-iskambju tal-informazzjoni supplimentari.

5. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi l-appoġġ meħtieġ fil-livell tas-SIS II Ċentrali għall-attivitajiet fil-paragrafi 1 sa 4.

6. L-attivitajiet fil-paragrafi 1 sa 3 għandhom jiġu kkoordinati mill-Kummissjoni u l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill.

*Artikolu 8*

**Test Komprensiv**

1. It-test komprensiv m'għandux jibda qabel ma l-Kummissjoni tkun iddikjarat li hija tqis il-livell ta' suċċess tat-testijiet imsemmijin fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2008/173/ĠAI bħala suffiċjenti biex jinbeda tali test.

2. Għandu jitwettaq test komprensiv bl-għan li jiġu kkonfermati, b'mod partikolari, l-ikkompletar mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ tal-arranġamenti tekniċi meħtieġa sabiex tkun ipproċessata d-*data* tas-SIS II u t-turija li l-livell ta' prestazzjoni tas-SIS II huwa mill-anqas l-istess bħal dak miksub mis-SIS 1+.

3. It-test komprensiv għandu jitwettaq mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għall-N.SIS II u mill-Kummissjoni għas-SIS II Ċentrali.

4. It-test komprensiv għandu jsegwi skeda dettaljata definita mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

5. It-test komprensiv għandu jkun ibbażat fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi definiti mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni.

6. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ u li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill għandhom jiddefinixxu l-kriterji biex jiġi determinat jekk l-arranġamenti tekniċi meħtieġa għall-ipproċessar tad-*data* tas-SIS II humiex kompluti u jekk il-livell ta' prestazzjoni tas-SIS II huwiex mill-anqas ekwivalenti għal dak miksub mis-SIS 1+.

7. Ir-riżultati tat-test għandhom jiġu analizzati permezz tal-kriterji msemmijin fil-paragrafu 6,mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħ dan il-Kunsill u l-Kummissjoni. Ir-riżultati tat-test għandhom jiġu vvalidati skond l-Artikolu 71(3)(c) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI.

8. L-Istati Membri li mhux qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ jistgħu jipparteċipaw fit-test komprensiv. Ir-riżultati tagħhom m'għandhomx jaffettwaw il-validazzjoni ġenerali tat-test.

*Artikolu 9*

**Test dwar informazzjoni supplimentari**

1. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom iwettqu testijiet funzjonali tas-SIRENE.

2. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli s-SIS II Ċentrali u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tagħha matul it-twettiq tat-test dwar l-informazzjoni supplimentari.

3. It-test dwar l-informazzjoni supplimentari għandu jsegwi skeda dettaljata definita mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill.

4. It-test dwar l-informazzjoni supplimentari għandu jkun ibbażat fuq l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi definiti mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill.

5. Ir-riżultati tat-test għandhom jiġu analizzati mill-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill.

6. L-Istati Membri li mhux qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ jistgħu jipparteċipaw fit-test dwar l-informazzjoni supplimentari. Ir-riżultati tagħhom m'għandhomx jaffettwaw il-validazzjoni ġenerali tat-test.

*Artikolu 10*

**Arkitettura interim għall-migrazzjoni**

1. Għandha tiġi stabbilita arkitettura interim għall-migrazzjoni tas-SIS. Il-konvertitur jgħaqqad is-SIS II Ċentrali u s-C.SIS għal perijodu transitorju. L-N.SIS huma magħqudin mas-C.SIS, l-N.SIS II mas-SIS II Ċentrali.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi konvertitur, is-SIS II Ċentrali u l-infrastruttura tal-komunikazzjoni tagħha bħala parti mill-arkitettura interim għall-migrazzjoni tas-SIS.

3. Il-konvertitur għandu jaqleb id-*data* f'żewġ direzzjonijiet bejn is-C.SIS u s-SIS II Ċentrali u jżomm is-C.SIS u s-SIS II Ċentrali sinkronizzati.

4. Il-Kummissjoni għandha tittestja l-komunikazzjoni bejn is-SIS II Ċentrali u l-konvertitur.

5. Franza għandha tittestja l-komunikazzjoni bejn is-C.SIS u l-konvertitur.

6. Il-Kummissjoni u Franza għandhom jittestjaw il-komunikazzjoni bejn is-SIS II Ċentrali u s-C.SIS permezz tal-konvertitur.

7. Franza, flimkien mal-Kummissjoni, għandha tqabbad is-C.SIS mas-SIS II Ċentrali permezz tal-konvertitur.

8. Il-Kummissjoni, flimkien ma' Franza u l-Istati Membri l-oħrajn li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+, għandhom jittestjaw l-arkitettura interim għall-migrazzjoni tas-SIS sħiħa skond pjan ta' ttestjar ipprovdut mill-Kummissjoni.

9. Jekk ikun meħtieġ, Franza għandha tagħmel disponibbli d-data għall-finijiet tal-ittestjar.

*Artikolu 11*

**Migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II**

1. Għall-migrazzjoni mis-C.SIS għas-SIS II Ċentrali, Franza għandha tagħmel disponibbli l-bażi tad-*data* tas-SIS 1+ u l-Kummissjoni għandha tintroduċi l-bażi tad-*data* tas-SIS 1+ fis-SIS II Ċentrali.

2. L-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ għandhom jimigraw mill-N.SIS għall-N.SIS II billi jużaw l-arkitettura interim għall-migrazzjoni, bl-appoġġ ta' Franza u tal-Kummissjoni, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Settembru 2009. Jekk ikun meħtieġ, din id-data tista' tinbidel skond il-proċedura definita fl-Artikolu 17(2).

3. Il-migrazzjoni tas-sistema nazzjonali mis-SIS 1+ għas-SIS II tikkonsisti fl-illowdjar tad-*data* tal-N.SIS II, meta dik l-N.SIS II għandu jkun fiha fajl tad-*data*, il-kopja nazzjonali, li tinkludi kopja kompluta jew parzjali tal-bażi tad-*data* tas-SIS II, segwita minn konverżjoni mill-N.SIS għall-N.SIS II għal kull Stat Membru. Il-migrazzjoni għandha ssegwi skeda dettaljata pprovduta mill-Kummissjoni u l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+ li jaġixxu fi ħdan il-Kunsill.

4. Il-Kummissjoni għandha tassisti fil-koordinazzjoni u l-appoġġ tal-attivitajiet komuni matul il-migrazzjoni.

5. Il-konverżjoni prevista fil-proċess ta' migrazzjoni għandha titwettaq wara l-validazzjoni msemmija fl-Artikolu 8(7).

*Artikolu 12*

**Qafas legali sostantiv**

Matul il-migrazzjoni, id-dispożizzjonijiet tat-Titolu IV tal-Konvenzjoni ta' Schengen għandhom jibqgħu japplikaw għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen.

*Artikolu 13*

**Kooperazzjoni**

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw għat-twettiq tal-attivitajiet kollha koperti b'din id-Deċiżjoni skond ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom.

2. Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tipprovdi l-appoġġ meħtieġ fil-livell tas-SIS II Ċentrali għall-ittestjar u l-migrazzjoni tal-N.SIS II.

3. L-Istati Membri għandhom b'mod partikolari jipprovdu l-appoġġ meħtieġ fil-livell tal-N.SIS II għall-ittestjar tal-infrastruttura interim għall-migrazzjoni.

*Artikolu 14*

**Żamma ta' reġistri fis-SIS II Ċentrali**

1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet rilevanti tat-Titolu IV tal-Konvenzjoni ta' Schengen, il-Kummissjoni għandha tiżgura li kull aċċess għal, u kull skambju ta' *data* personali fi ħdan is-SIS II Ċentrali jiġu rreġistrati għall-finijiet ta' verifika dwar jekk it-tfittxija tkunx skond il-liġi jew le, ta' monitoraġġ tal-legalità tal-ipproċessar tad-*data* u sabiex ikun żgurat il-funzjonament tajjeb tas-SIS II Ċentrali u tas-sistemi nazzjonali, l-integrità u s-sigurtà tad-*data*.

2. Ir-reġistri għandhom juru, b'mod partikolari, id-*data* u l-ħin tad-*data* trasmessa, id-*data* użata biex isiru t-tfittxijiet, ir-referenza għad-*data* trasmessa u l-isem tal-awtorità kompetenti responsabbli għall-ipproċessar tad-*data*.

3. Ir-reġistri jistgħu jintużaw biss għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1 u għandhom jitħassru mhux qabel sena u mhux iktar tard minn tliet snin wara li jkunu nħolqu.

4. Ir-reġistri jistgħu jinżammu għal perijodu itwal jekk ikunu meħtieġa għall-proċeduri ta' monitoraġġ li jkunu diġà bdew.

5. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-kontroll dwar jekk it-tfittxija tkunx skond il-liġi jew le, mill-monitoraġġ tal-legalità tal-ipproċessar ta' *data*, mill-awto-monitoraġġ u biex jiżguraw il-funzjonament tajjeb tas-SIS II Ċentrali, l-integrità u s-sigurtà tad-*data*, għandu jkollhom aċċess, fil-limiti tal-kompetenzi tagħhom u fuq talba tagħhom, għal dawk ir-reġistri bil-għan li jaqdu l-kompiti tagħhom.

*Artikolu 15*

**Spejjeż**

1. L-ispejjeż li jirriżultaw mill-migrazzjoni, it-test komprensiv, it-test dwar l-informazzjoni supplimentari, il-manutenzjoni u l-miżuri ta' żvilupp fil-livell tas-SIS II Ċentrali jew li jikkonċernaw l-infrastruttura tal-komunikazzjoni għandhom jitħallsu mill-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea.

2. L-ispejjeż li jirriżultaw mill-migrazzjoni, l-ittestjar, il-manutenzjoni u l-iżvilupp tas-sistemi nazzjonali għandhom jitħallsu minn kull Stat Membru kkonċernat.

3. L-ispejjeż li jirriżultaw mill-attivitajiet fil-livell tas-SIS 1+, inklużi l-attivitajiet supplementari ta' Franza, f'isem l-Istati Membri li qed jipparteċipaw fis-SIS 1+, għandhom jitħallsu skond id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 119 tal-Konvenzjoni ta' Schengen.

*Artikolu 16*

**Emenda tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen**

Id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Schengen huma b'dan emendati kif ġej:

1. L-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal:

"*Artikolu 92 A*

1. Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 (*) u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI (**) u abbażi tad-definizzjonijiet fl-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, l-arkitettura teknika tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tista' tiġi supplimentata bi:

(a) sistema ċentrali addizzjonali magħmula minn:

— funzjoni ta' appoġġ tekniku (SIS II Ċentrali), li tinsab fi Franza u unità ta' riżerva tas-SIS II Ċentrali li tinsab fl-Awstrija, li fihom bażi tad-*data* tas-SIS II u interfaċċja nazzjonali uniformi (NI-SIS);

— konnessjoni teknika bejn is-C.SIS u s-SIS II Ċentrali permezz tal-konvertitur li tippermetti l-konverżjoni u s-sinkronizzazzjoni tad-*data* bejn is-C.SIS u s-SIS II Ċentrali;

(b) sistema nazzjonali (N.SIS II), li tikkonsisti fis-sistemi ta' *data* nazzjonali, li tikkomunika mas-SIS II Ċentrali;

(ċ) infrastruttura għall-komunikazzjoni bejn is-SIS II Ċentrali u l-N.SIS II konnessa mal-NI-SIS.

2. SIS II tista’ tissostitwixxi t-taqsima nazzjonali msemmija fl-Artikolu 92 ta’ din il-Konvenzjoni, u f’dak il-każ l-Istati Membri m’għandhomx għalfejn iżommu fajl bid-*data* nazzjonali.

3. Il-bażi tad-*data* tas-SIS II Ċentrali għandha tkun disponibbli għall-fini li jitwettqu tfittxijiet awtomatizzati fit-territorju ta’ kull Stat Membru.

4. F’każ li xi Stat Membru jissostitwixxi t-taqsima nazzjonali tiegħu bl-N.SIS II, il-funzjonijiet obbligatorji tal-funzjoni ta’ appoġġ tekniku fir-rigward ta’ dik it-taqsima nazzjonali kif imsemmija fl-Artikolu 92(2) u (3) isiru funzjonijiet obbligatorji fir-rigward tas-SIS II Ċentrali, mingħajr preġudizzju għall-obbligi msemmija fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI u fl-Artikoli 5(1), 10(1), (2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008.

5. Is-SIS II Ċentrali għandha tipprovdi s-servizzi meħtieġa għad-dħul u l-ipproċessar tad-*data* tas-SIS, l-aġġornament online tal-kopji nazzjonali tal-N-SIS II, is-sinkronizzazzjoni ta’ u l-konsistenza bejn il-kopji nazzjonali tal-N.SIS II u l-bażi tad-*data* tas-SIS II Ċentrali u għandha tipprovdi l-operazzjonijiet għall-inizjalizzazzjoni u r-restawrazzjoni tal-kopji nazzjonali tal-N.SIS II.

6. Franza, li hija responsabbli għall-funzjoni ta’ appoġġ tekniku, l-Istati Membri l-oħrajn u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw sabiex jiżguraw li tfittxija fil-fajls tad-*data* tal-N.SIS II jew fil-bażi tad-*data* tas-SIS II tipproduċi riżultat ekwivalenti għal dak ta’ tfittxija fil-fajl tad-*data* tat-taqsimiet nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 92(2).

(*) ĠU L 299, 8.11.2008, p. 1.
(**) ĠU L 299, 8.11.2008, p. 43.”

2. Fl-Artikolu 119 l-ewwel paragrafu, l-ewwel sentenza, għandha tiġi sostitwita b’dan li ġej:

“L-ispejjeż tal-installazzjoni u t-tħaddim tal-funzjoni ta’ appoġġ tekniku msemmija fl-Artikolu 92(3), inklużi l-ispejjeż tal-linji li jikkollegaw it-taqsimiet nazzjonali tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen mal-funzjoni ta’ appoġġ tekniku, u tal-attivitajiet imwettqa flimkien mal-kompiti mogħtija lil Franza fl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 għandhom jitħallsu b’mod konġunt mill-Istati Membri.”

3. Fl-Artikolu 119, it-tieni paragrafu għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“L-ispejjeż tal-installazzjoni u t-tħaddim tat-taqsima nazzjonali tas-Sistema ta’ Informazzjoni ta’ Schengen u tal-kompiti kkonferiti lis-sistemi nazzjonali skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/839/ĠAI u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1104/2008 għandhom jitħallsu minn kull Stat Membru individwalment.”

*Artikolu 17*

**Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 67(1) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 67 tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI.

*Artikolu 18*

**Rappurtar**

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta sal-aħħar ta’ kull perijodu ta’ sitt xhur, u għall-ewwel darba sal-aħħar tal-ewwel perijodu ta’ sitt xhur tal-2009, rapport ta’ progress lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-iżvilupp tas-SIS II u l-migrazzjoni mis-SIS 1+ għas-SIS II.

*Artikolu 19*

**Dħul fis-seħħ u applikabbiltà**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Hija għandha tiskadi f’data li trid tiġi stabbilita mill-Kunsill, li jaġixxi skond l-Artikolu 71(2) tad-Deċiżjoni 2007/533/ĠAI, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard mit-30 ta’ Ġunju 2010.

Magħmula fil-Lussemburgu, 24 ta’ Ottubru 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ALLIOT-MARIE

## CORRIGENDUM

**Rettifika għar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1379/2007 tas-26 ta’ Novembru 2007 li jemenda l-Annessi IA, IB, VII u VIII tar-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta’ l-14 ta’ Ġunju 2006 dwar vjaġġi ta’ skart, sabiex jitqiesu l-progress tekniku u l-bidliet miftiehma skond il-Konvenzjoni ta’ Basel**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali ta’ l-Unjoni Ewropea L 309 tas-27 ta’ Novembru 2007)*

F’paġna 9, l-Anness I (“*ANNESS IA* Dokument ta’ notifika għal movimenti/vjaġġi transkonfinali ta’ skart”) u f’paġna 14, Anness II (“*ANNESS IB* Dokument ta’ moviment għall-movimenti/vjaġġi transkonfinali ta’ l-iskart”), il-mudelli tal-formoli se jinbidlu, rispettivament, bil-mudelli li ġejjin:

**"Dokument ta' notifika għal movimenti/vjaġġi transkonfinali ta' skart**

**1. Esportatur – notifikatur** Nru ta' Reġistrazzjoni:
Isem:
Indirizz:

Persuna ta' kuntatt:
Tel: Faks:
E-mail:

**2. Importatur – destinatarju** Nru ta' Reġistrazzjoni:
Isem:
Indirizz:

Persuna ta' kuntatt:
Tel: Faks:
E-mail:

**3. Nru ta' Notifika:**
**In-notifika tikkonċerna**
A. (i) Vjaġġi individwali: ☐ (ii) Vjaġġi multipli: ☐
B. (i) Rimi (1): ☐ (ii) Irkupru: ☐
C. Faċilità ta' rkupru li ngħatat pre-kunsens (2) (3) Iva ☐ Le ☐

**4. Numru totali intenzjonat ta' vjaġġi:**

**5. Kwantità totali intenzjonata** (4):
Tunnellati metriċi (Mg):
$m^3$:

**6. Perjodu ta' żmien intenzjonat għall-vjaġġ(i)** (4):
L-ewwel tluq: L-aħħar tluq:

**7. Tip(i) ta' ppakkjar** (5):
**Rekwiżiti speċjali ta' mmaniġġjar** (6): Iva: ☐ Le: ☐

**8. Trasportatur(i) intenzjonat(i)** Nru ta' Reġistrazzjoni:
Isem (7):
Indirizz:

Persuna ta' kuntatt:
Tel: Faks:
E-mail:
Mezz ta' trasport (5):

**9. Ġeneratur(i) – produtturi(i) ta' l-iskart** (1) (7) (8) Nru ta' Reġistrazzjoni:
Isem:
Indirizz:

Persuna ta' kuntatt:
Tel: Faks:
E-mail:
Sit u proċess ta' ġenerazzjoni (6)

**10. Faċilità ta' rimi** (2): ☐ **jew faċilità ta' rkupru** (2): ☐
Nru ta' Reġistrazzjoni:
Isem:
Indirizz:

Persuna ta' kuntatt:
Tel: Faks:
E-mail:
Sit effettiv ta' rimi/rkupru:

**11. Operazzjoni(jiet) ta' rimi / rkupru** (2)
Kodiċi-D / kodiċi-R (5):
Teknoloġija użata (6):

Raġuni għall-esportazzjoni (1) (6):

**12. Indikazzjoni tat-tip u tal-kompożizzjoni ta' l-iskart** (6):

**13. Karatteristiċi fiżiċi** (5):

**14. Identifikazzjoni ta' l-iskart** *(imla l-kodiċijiet rilevanti)*
(i) Anness VIII ta' Basel (jew IX jekk ikun applikabbli):
(ii) Kodiċi ta' l-OECD (jekk differenti minn (i)):
(iii) Lista' tal-KE ta' l-iskart:
(iv) Kodiċi nazzjonali fil-pajjiż ta' l-esportazzjoni:
(v) Kodiċi nazzjonali fil-pajjiż ta' l-importazzjoni:
(vi) Ieħor (speċifika):
(vii) Kodiċi-Y:
(viii) Kodiċi-H (5):
(ix) Klassi tan-NU (5):
(x) Numru tan-NU:
(xi) Isem il-Bastiment tan-NU:
(xii) Kodiċi(jiet) Doganali (HS):

**15. (a) Pajjiżi/Stati konċernati,** (b) fejn ikun applikabbli, Nru. tal-kodiċi ta' l-awtoritajiet kompetenti, (c) punti speċifiċi ta' dħul jew ħruġ (fruntiera/port)

| Stat ta' esportazzjoni – dispaċċ | Stat(i) ta' tranżitu (dħul u ħruġ) | | | | | | Stat ta' importazzjoni – destinazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| (a) | | | | | | | |
| (b) | | | | | | | |
| (c) | | | | | | | |

**16. Uffiċċji doganali ta' dħul u/jew ta' ħruġ u/jew ta' esportazzjoni (Il-Komunità Ewropea):**
Dħul: Ħruġ: Esportazzjoni:

**17. Id-dikjarazzjoni ta' l-esportatur – tan-notifikatur / tal-ġeneratur – tal-produttur** (1):
Niċċertifika li safejn naf jiena l-informazzjoni t'hawn fuq hija kompluta u korretta. Niċċertifika wkoll li kien hemm obbligi kuntrattwali infurzabbli bil-miktub u li kwalunkwe assigurazzjoni applikabbli jew garanzija finanzjarja oħra hija jew għandha tkun fis-seħħ biex tkopri l-moviment transkonfinali.
Isem l-esportatur – in-notifikatur: Data: Firma:
Isem il-ġeneratur – il-produttur: Data: Firma:

**18. Numru ta' annessi mehmuża**

**BIEX TINTUŻA TA' L-AWTORITAJIET KOMPETENTI**

**19. Rikonoxximent mill-awtorità kompetenti rilevanti tal-pajjiżi ta' importazzjoni – destinazzjoni / tranżitu** (1) **/ esportazzjoni – dispaċċ** (9):
Pajjiż:
Notifika riċevuta fi:
Rikonoxximent mibgħut fi:
Isem l-awtorità kompetenti:
Timbru u/jew firma:

**20. Kunsens bil-miktub** (1) (8) **għall-moviment provdut mill-awtorità kompetenti ta'** (pajjiż):
Kunsens mogħti fi:
Kunsens validu minn: sa:
Kundizzjonijiet speċifiċi: Le: ☐ Jekk Iva, ara l-blokk 21 (6): ☐
Isem l-awtorità kompetenti:
Timbru u/jew firma:

**21. Il-kundizzjonijiet speċifiċi għall-għoti tal-kunsens għall-moviment jew ir-raġunijiet talli hemm oġġezzjoni għalih:**

(1) Meħtieġ mill-Konvenzjoni ta' Basel.
(2) Fil-każ ta' operazzjoni R12/R13 jew D13-D15, meta jkun meħtieġ, ehmeż ukoll l-informazzjoni korrispondenti dwar kwalunkwe faċilità(ajiet) sussegwenti R12/R13 jew D13-D15 u faċilità(jiet) sussegwenti R1-R11 jew D1-D12
(3) Għandha timtela għal movimenti fiż-żona ta' l-OECD u biss jekk tapplika B(ii)
(4) Ehmeż lista dettaljata jekk ikun hemm vjaġġi multipli
(5) Ara l-lista ta' abbrevjazzjonijiet u ta' kodiċijiet fil-paġna li jmiss
(6) Jekk ikun meħtieġ, ehmeż id-dettalji
(7) Ehmez lista jekk ikun hemm aktar minn wieħed
(8) Jekk ikun meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali
(9) Jekk ikun applikabbli skond id-Deċiżjoni ta' l-OECD

**Lista ta' abbrevjazzjonijiet u ta' kodiċijiet li ntużaw fid-dokument ta' notifika**

**L-OPERAZZJONIJIET TA' RIMI (blokk 11)**

| | |
|---|---|
| D1 | Depożitu fi jew fuq art (eż. miżbla, eċċ.) |
| D2 | Trattament ta' l-art (eż., bijodegradazzjoni ta' rifjuti likwidi jew imtajna fil-ħamrija, eċċ.) |
| D3 | Injezzjoni fil-fond (eż., injezzjoni ta' rifjuti li jistgħu jiġu ppumpjati fi bjar, koppli tal-melħ jew repożitorji naturali, eċċ.) |
| D4 | Lagunaġġ (eż. tqegħid ta' rifjuti likwidi jew ta' tajn f'fosos, għadajjar jew laguni, eċċ.) |
| D5 | Miżbla ppreparata b'mod maħsub (eż. tqegħid f'ċelluli separati miksija minn ġewwa li jkunu mgħottija u iżolati minn xulxin u mill-ambjent, eċċ.) |
| D6 | Rilaxx f'ilmijiet li mhumiex ibħra/oċeani |
| D7 | Rilaxx f'ibħra/oċeani inkluża l-inserzjoni f'qiegħ il-baħar |
| D8 | Trattament bijoloġiku li mhu speċifikat imkien ieħor f'din il-lista li jirriżulta f'komposti jew taħlitiet finali li jintremew permezz ta' kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet f'din il-lista |
| D9 | Trattament fiżiku-kimiku li mhu speċifikat imkien ieħor f'din il-lista li jirriżulta f'komposti jew taħlitiet finali li jintremew permezz ta' kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet f'din il-lista (eż. evaporazzjoni, tinxif, kalċinazzjoni, eċċ.) |
| D10 | Inċinerazzjoni fuq l-art |
| D11 | Inċinerazzjoni fuq il-baħar |
| D12 | Ħażna permanenti (eż. tqegħid ta' kontenituri f'minjiera, eċċ.) |
| D13 | Taħlit qabel ma ssir kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet f'din il-lista |
| D14 | Ippakkjar mill-ġdid qabel ma ssir kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet f'din il-lista |
| D15 | Ħażna preliminari sakemm issir kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet f'din il-lista |

**L-OPERAZZJONIJIET TA' RKUPRU (blokk 11)**

| | |
|---|---|
| R1 | Użu bħala fjuwil (għajr għal inċinerazzjoni diretta) jew mezz ieħor għall-ġenerazzjoni ta' l-enerġija (Basel/OECD) – Użu prinċipalment bħala fjuwil jew mezz ieħor għall-ġenerazzjoni ta' l-enerġija (UE) |
| R2 | Reklamazzjoni/riġenerazzjoni ta' solventi |
| R3 | Riċiklaġġ/reklamazzjoni ta' sustanzi organiċi li ma jintużawx bħala solventi |
| R4 | Riċiklaġġ/reklamazzjoni ta' metalli u ta' komposti tal-metalli |
| R5 | Riċiklaġġ/reklamazzjoni ta' materjali inorganiċi oħra |
| R6 | Riġenerazzjoni ta' aċidi jew alkali |
| R7 | Irkupru ta' komponenti li jintużaw għat-tnaqqis tat-tniġġiż |
| R8 | Irkupru ta' komponenti minn katalizzaturi |
| R9 | Raffinar mill-ġdid ta' żejt użat jew użi mill-ġdid oħra ta' żejt li ntuża qabel |
| R10 | Trattament ta' l-art li jirriżulta f'benefiċċju għall-agrikoltura jew f'titjib ekoloġiku |
| R11 | Użi ta' materjali residwali miksuba minn kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet innumerati R1- R10 |
| R12 | Skambju ta' skart biex jgħaddi minn kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet innumerati R1-R11 |
| R13 | Akkumulazzjoni ta' materjal intenzjonat għal kwalunkwe operazzjoni f'din il-lista |

**TIPI TA' PPAKKJAR (blokk 7)**

1. Barmil għaż-żejt
2. Bittija ta' l-injam
3. Ġeriken
4. Kaxxa
5. Borża
6. Ippakkjar kompost
7. Reċipjent li jiflaħ għall-pressjoni
8. Merkanzija fuq bastiment mhux ippakkjata
9. Oħra (speċifika)

**IL-MEZZI TA' TRASPORT (blokk 8)**

R = Triq
T = Ferrovija
S = Baħar
A = Ajru
W = Passaġġi ta' l-ilma interni

**IL-KARATTERISTIĊI FIŻIĊI (blokk 13)**

1. F'forma ta' trab/trab
2. Solidu
3. Viskuż/pejst
4. Imtajjen
5. Likwidu
6. Gassuż
7. Oħra (speċifika)

**KODIĊI-H U KLASSI TAN-NU (blokk 14)**

| Klassi | Kodiċi-H | Karatteristiċi tan-NU |
|---|---|---|
| 1 | H1 | Splussivi |
| 3 | H3 | Likwidi li jieħdu n-nar |
| 4.1 | H4.1 | Solidi li jieħdu n-nar |
| 4.2 | H4.2 | Sustanzi jew skart li għandhom it-tendeza li jieħdu n-nar b'mod spontanju |
| 4.3 | H4.3 | Sustanzi jew skart li, f'kuntatt ma' l-ilma, jemettu gassijiet li jieħdu n-nar |
| 5.1 | H5.1 | Ossidanti |
| 5.2 | H5.2 | Perossidi organiċi |
| 6.1 | H6.1 | Velenużi (ħafna) |
| 6.2 | H6.2 | Sustanzi infettivi |
| 8 | H8 | Sustanzi korrużivi |
| 9 | H10 | Liberazzjoni ta' gassijiet tossiċi f'kuntatt ma' l-arja jew ma' l-ilma |
| 9 | H11 | Tossiċi (li jdumu ma jaġixxu jew kroniċi) |
| 9 | H12 | Ekotossiċi |
| 9 | H13 | Kapaċi, bi kwalunkwe mezz, li wara r-rimi jipproduċu materjal ieħor, eż., il-leachate, li huwa mogħni bi kwalunkwe waħda mill-karatteristiċi li ġew elenkati aktar 'il fuq |

Aktar informazzjoni, b'mod partikolari relatata ma' l-identifikazzjoni ta' l-iskart (blokk 14), jiġifieri, dwar il-kodiċijiet ta' l-Annessi VIII u IX ta' Basel, il-kodiċijiet ta' l-OECD u l-kodiċijiet-Y, jistgħu jinstabu f'Manwal ta' Gwida/ta' Struzzjonijiet li huwa disponibbli mill-OECD u mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Basel."

"Dokument ta' moviment għall-movimenti/vjaġġi traskonfinali ta' l-iskart

**1. Jikkorrispondi għan-Nru. ta' Notifika:**

**2. Numru tas-serje/totali ta' vjaġġi:** /

**3. Esportatur – notifikatur** Nru ta' Reġistrazzjoni:
Isem:
Indirizz:
Persuna ta' kuntatt:
Tel: Faks:
E-mail:

**4. Importatur – destinatarju** Nru ta' Reġistrazzjoni:
Isem:
Indirizz:
Persuna ta' kuntatt:
Tel: Faks:
E-mail:

**5. Kwantità effettiva:** Tunnellati metriċi (Mg): m³:

**6. Data effettiva tal-vjaġġ:**

**7. Ippakkjar** Tip(i) (1): Numru ta' pakketti:
**Rekwiżiti speċjali ta' mmaniġġjar:** (2) Iva: ☐ Le: ☐

| **8.(a) L-Ewwel Trasportatur** (3): | **8.(b) It-Tieni Trasportatur** (3): | **8.(c) L-Aħħar Trasportatur** (3): |
|---|---|---|
| Nru ta' Reġistrazzjoni:<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Tel:<br>Faks:<br>E-mail: | Nru ta' Reġistrazzjoni:<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Tel:<br>Faks:<br>E-mail: | Nru ta' Reġistrazzjoni:<br>Isem:<br>Indirizz:<br>Tel:<br>Faks:<br>E-mail: |
| - - - - - - - ***Biex timtela mir-rappreżentant tat-trasportatur*** - - - - - - - | | *Aktar minn tliet trasportaturi* (2) ☐ |
| Mezz ta' trasport (1):<br>Data tat-trasferiment:<br>Firma: | Mezz ta' trasport (1):<br>Data tat-trasferiment:<br>Firma: | Mezz ta' trasport (1):<br>Data tat-trasferiment:<br>Firma: |

**9. Ġeneratur(i) – produttur(i) ta' l-iskart** (4) (5) (6):
Nru ta' Reġistrazzjoni:
Isem:
Indirizz:
Persuna ta' kuntatt:
Tel: Faks:
E-mail:
Sit ta' ġenerazzjoni (2):

**10. Faċilità ta' rimi** ☐ **jew faċilità ta' rkupru** ☐
Nru ta' Reġistrazzjoni:
Isem:
Indirizz:
Persuna ta' kuntatt:
Tel: Faks:
E-mail:
Sit effettiv ta' rimi/rkupru (2)

**11. Operazzjoni(jiet) ta' rimi/rkupru**
Kodiċi-D / Kodiċi-R (1):

**12. Indikazzjoni tat-tip u tal-kompożizzjoni ta' l-iskart** (2):

**13. Karatteristiċi fiżiċi** (1):

**14. Identifikazzjoni ta' l-iskart** *(imla l-kodiċijiet rilevanti)*
(i) Anness VIII ta' Basel (jew IX jekk ikun applikabbli):
(ii) Kodiċi ta' l-OECD (jekk ikun differenti minn (i)):
(iii) Lista tal-KE ta' l-iskart:
(iv) Kodiċi nazzjonali fil-pajjiż ta' l-esportazzjoni
(v) Kodiċi nazzjonali fil-pajjiż ta' l-importazzjoni:
(vi) Ieħor (speċifika):
(vii) Kodiċi-Y:
(viii) Kodiċi-H (1):
(ix) Klassi tan-NU (1):
(x) Numru tan-NU:
(xi) Isem tat-tbaħħir tan-NU:
(xii) Kodiċi(jiet) doganali (HS):

**15. Id-dikjarazzjoni ta' l-esportatur – tan-notifikatur / tal-ġeneratur – tal-produttur** (4)
Niċċertifika li safejn naf jiena l-informazzjoni t'hawn fuq hija kompluta u korretta. Niċċertifika wkoll li kien hemm obbligi kuntrattwali infurzabbli bil-miktub, li kwalunkwe assigurazzjoni applikabbli jew garanzija finanzjarja oħra daħlet fis-seħħ biex tkopri l-moviment transkonfinali u li ġew riċevuti l-kunsensi kollha meħtieġa mingħand l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi konċernati.
Isem Data Firma

**16. Biex tintuża minn kwalunkwe persuna involuta fil-moviment transkonfinali f'każ li tkun meħtieġa informazzjoni addizzjonali**

**17. L-importatur – id-destinatarju (jekk mhux il-faċilità) irċieva l-vjaġġ:**
Data: Isem: Firma:

**BIEX TIMTELA MILL-FAĊILITÀ TA' RIMI / RKUPRU**

**18. Vjaġġ riċevut fil-faċilità ta' rimi** ☐ **jew fil-faċilità ta' rkupru** ☐
Data tar-riċeviment: Aċċettat: ☐ Rifjutat (*): ☐
Kwantità riċevuta: Tunnellati metriċi (Mg): m³: *(*) ikkuntattja immedjatament lill-awtoritajiet kompetenti*
Data approssimattiva tar-rimi/ta' l-irkupru:
Operazzjoni ta' rimi/rkupru (1):
Isem:
Data:
Firma:

**19. Jiena niċċertifika li r-rimi/l-irkupru ta' l-iskart li ġie deskritt aktar 'il fuq ġie kkompletat**
Isem:
Data:
Firma u timbru:

(1) Ara l-lista ta' abbrevjazzjonijiet u ta' kodiċijiet fil-paġna li jmiss
(2) Jekk ikun meħtieġ, ehmeż id-dettalji
(3) Jekk hemm aktar minn tliet trasportaturi, ehmeż l-informazzjoni kif ikun meħtieġ fil-blokki 8 (a,b,c).
(4) Meħtieġa mill-Konvenzjoni ta' Basel
(5) Ehmeż lista jekk aktar minn wieħed
(6) Jekk ikun meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali

| BIEX TINTUŻA MILL-UFFIĊJI DOGANALI (jekk ikun meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali) | |
|---|---|
| **20. Il-pajjiż ta' esportazzjoni – dispaċċ jew l-uffiċċju doganali tal-ħruġ**<br>L-iskart li ġie deskritt f'dan id-dokument ta' moviment ħalla l-pajjiż fi<br>Firma:<br>Timbru: | **21. Il-pajjiż ta' importazzjoni – destinazzjoni jew l-uffiċċju doganali tad-dħul**<br>L-iskart li ġie deskritt f'dan id-dokument ta' moviment daħal fil-pajjiż fi:<br>Firma:<br>Timbru: |

**22. Timbri ta' l-uffiċċji doganali tal-pajjiżi ta' tranżitu**

| Isem il-pajjiż: | | Isem il-pajjiż: | |
|---|---|---|---|
| Dħul: | Ħruġ: | Dħul: | Ħruġ: |
| Isem il-pajjiż: | | Isem il-pajjiż: | |
| Dħul: | Ħruġ: | Dħul: | Ħruġ: |

**Lista' ta' Abbrevjazzjonijiet u ta' Kodiċijiet li Ntużaw fid-Dokument ta' Moviment**

**L-OPERAZZJONIJIET TA' RIMI (blokk 11)**

- D1 Depożitu fi jew fuq art (eż. miżbla, eċċ.)
- D2 Trattament ta' l-art (eż., bijodegradazzjoni ta' rifjuti likwidi jew imtajna fil-ħamrija, eċċ.)
- D3 Injezzjoni fil-fond (eż., injezzjoni ta' rifjuti li jistgħu jiġu ppumpjati fi bjar, koppli tal-melħ jew repożitorji naturali, eċċ.)
- D4 Lagunaġġ (eż. tqegħid ta' rifjuti likwidi jew ta' tajn f'fosos, għadajjar jew laguni, eċċ.)
- D5 Miżbla ppreparata b'mod maħsub (eż. tqegħid f'ċelluli separati miksija minn ġewwa li jkunu mgħottija u iżolati minn xulxin u mill-ambjent)
- D6 Rilaxx f'ilmijiet li mhumiex ibħra/oċeani
- D7 Rilaxx f'ibħra/oċeani inkluża l-inserzjoni f'qiegħ il-baħar
- D8 Trattament bijoloġiku li mhu speċifikat imkien ieħor f'din il-lista li jirriżulta f'komposti jew taħlitiet finali li jintremew permezz ta' kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet f'din il-lista
- D9 Trattament fiżiku-kimiku li mhu speċifikat imkien ieħor f'din il-lista li jirriżulta f'komposti jew taħlitiet finali li jintremew permezz ta' kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet fil-lista (eż. evaporazzjoni, tinxif, kalċinazzjoni, eċċ.)
- D10 Inċinerazzjoni fuq l-art
- D11 Inċinerazzjoni fuq il-baħar
- D12 Ħażna permanenti (eż. tqegħid ta' kontenituri f'minjiera, eċċ.)
- D13 Taħlit qabel ma ssir kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet f'din il-lista
- D14 Ippakkjar mill-ġdid qabel ma ssir kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet f'din il-lista
- D15 Ħażna preliminari sakemm issir kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet f'din il-lista

**L-OPERAZZJONIJIET TA' RKUPRU (blokk 11)**

- R1 Użu bħala fjuwil (għajr għal inċinerazzjoni diretta) jew mezz ieħor għall-ġenerazzjoni ta' l-enerġija (Basel/ OECD) – Użu prinċipalment bħala fjuwil jew mezz ieħor għall-ġenerazzjoni ta' l-enerġija (UE)
- R2 Reklamazzjoni/riġenerazzjoni ta' solventi
- R3 Riċiklaġġ/reklamazzjoni ta' sustanzi organiċi li ma jintużawx bħala solventi
- R4 Riċiklaġġ/reklamazzjoni ta' metalli u ta' komposti tal-metalli
- R5 Riċiklaġġ/reklamazzjoni ta' materjali inorganiċi oħra
- R6 Riġenerazzjoni ta' aċidi jew alkali
- R7 Irkupru ta' komponenti li jintużaw għat-tnaqqis tat-tniġġiż
- R8 Irkupru ta' komponenti minn katalizzaturi
- R9 Raffinar mill-ġdid ta' żejt użat jew użi mill-ġdid oħra ta' żejt li ntuża qabel
- R10 Trattament ta' l-art li jirriżulta f'benefiċċju għall-agrikoltura jew f'titjib ekoloġiku
- R11 Użi ta' materjali residwali miksuba minn kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet innumerati R1 sa R10
- R12 Skambju ta' skart biex jgħaddi minn kwalunkwe waħda mill-operazzjonijiet innumerati R1 sa R11
- R13 Akkumulazzjoni ta' materjal intenzjonat għal kwalunkwe operazzjoni f'din il-lista.

**TIPI TA' PPAKKJAR (blokk 7)**

1. Barmil għaż-żejt
2. Bittija ta' l-injam
3. Ġeriken
4. Kaxxa
5. Borza
6. Ippakkjar kompost
7. Reċipjent li jiflaħ għall-pressjoni
8. Merkanzija fuq bastiment mhux ippakkjata
9. Oħra (speċifika)

**IL-MEZZI TA' TRASPORT (blokk 8)**

R = Triq
T = Ferrovija
S = Baħar
A = Ajru
W = Passaġġi ta' l-ilma interni

**IL-KARATTERISTIĊI FIŻIĊI (blokk 13)**

1. F'forma ta' trab/trab
2. Solidu
3. Viskuż/pejst
4. Imtajjen
5. Likwidu
6. Gassuż
7. Oħra (speċifika)

**KODIĊI-H U KLASSI TAN-NU (blokk 14)**

| Klassi | Kodiċi-H | Karatteristiċi tan-NU |
|---|---|---|
| 1 | H1 | Splussivi |
| 3 | H3 | Likwidi li jieħdu n-nar |
| 4.1 | H4.1 | Solidi li jieħdu n-nar |
| 4.2 | H4.2 | Sustanzi jew skart li għandhom it-tendeza li jieħdu n-nar b'mod spontanju |
| 4.3 | H4.3 | Sustanzi jew skart li, f'kuntatt ma' l-ilma, jemettu gassijiet li jieħdu n-nar |
| 5.1 | H5.1 | Ossidanti |
| 5.2 | H5.2 | Perossidi organiċi |
| 6.1 | H6.1 | Velenużi (ħafna) |
| 6.2 | H6.2 | Sustanzi infettivi |
| 8 | H8 | Sustanzi korrużivi |
| 9 | H10 | Liberazzjoni ta' gassijiet tossiċi f'kuntatt ma' l-arja jew ma' l-ilma |
| 9 | H11 | Tossiċi (li jdumu ma jaġixxu jew kroniċi) |
| 9 | H12 | Ekotossiċi |
| 9 | H13 | Kapaċi, bi kwalunkwe mezz, li wara r-rimi jipproduċu materjal ieħor, eż., il-leachate, li huwa mogħni bi kwalunkwe waħda mill-karatteristiċi li ġew elenkati aktar 'il fuq |

Aktar informazzjoni, b'mod partikolari relatata ma' l-identifikazzjoni ta' l-iskart (blokk 14), jiġifieri, dwar il-kodiċijiet ta' l-Annessi VIII u IX ta' Basel, il-kodiċijiet ta' l-OECD u l-kodiċijiet-Y, jistgħu jinstabu f'Manwal ta' Gwida/ta' Struzzjonijiet li huwa disponibbli mill-OECD u mis-Segretarjat tal-Konvenzjoni ta' Basel."

**NOTA LILL-QARREJ**

L-istituzzjonijiet iddeċidew li ma jikkwotawx aktar fit-testi tagħhom l-aħħar emenda ta' l-atti kkwotati.

Sakemm mhux indikat mod ieħor, l-atti mmsemija fit-testi ppubblikati hawn jirreferu għall-atti li bħalissa huma fis-seħħ.